NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 104 Ottubru - Diċembru 2021



## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ LILL-ANZJANI KOLLHA MALTIN U GĦAWDXIN FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 TA' OTTUBRU 2021

F'din l-edizzjoni...




2

**Awguri lis-Sur Peter Paul Bonnici**

*President ġdid fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani*



4 6

**L-Assemblea Ġenerali Annwali**

*L-Indirizz tal-President u r-Rapport Amministrattiv*




# Awguri lis-Sur Peter Paul Bonnici li nħatar President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2021-2023



**Profil - Peter Paul Bonnici - President tal-KNA**
Peter Paul Bonnici twieled f'Tas-Sliema fl-1951. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo l-Ħamrun u kiseb Diploma fl-Istudji Maniġerjali u wara il-*Masters fil-Business Administration*, it-tnejn miksuba mill-Universitá ta' Malta.

Fl-1976 daħal il-Bank Ċentrali b'eżami kompetittiv pubbliku u wara nħatar Uffiċċjal fid-Dwana, b'eżami kompetittiv pubbliku ieħor, fejn tela' sal grad ta' Uffiċċjal Anzjan. Matul dak iż-żmien intbagħat għal taħriġ intensiv fi Proceduri Doganali mal-Amministrazzjoni Ġappuniża. Wara karriera ta' 25 sena ġod-Dwana, is-Sur Bonnici daħal bħala Assistent Direttur u wara Direttur, fejn kien involut fil-proċess intensiv għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004.

Kien responsabbli minn proġetti kapitali ta' toroq arterjali bħala parti mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni tal-UE, fejn fost oħrajn, kien hemm il-proġett tal-*ByPass* ta' San Pawl il-Baħar, it-Tliet Fażijiet ta' rikostruzzjoni ta' Ħal Far, u l-Pont ta' *Regional Road* ġo San Ġiljan.

Meta rtira biż-żmien, beda jaħdem fil-volontarjat, biex fl-2017 issieħeb mal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani. Sentejn wara fl-2019, is-Sur Bonnici ġie elett u nghata il-ħatra bħala Viċi President tal-istess Kunsill. F'dik is-sena, is-Sur Bonnici, flimkien ma' grupp ta' kollegi dedikati, xpruna il-bidu għall-ewwel Sessjoni Parlamentari li għaliha, barra kollegi fi ħdan il-KNA, ħadu wkoll sehem anzjani mill għaqdiet affiljati mal- KNA, Professuri mill-Akkademja u żgħażagħ mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, fejn gew trattati suġġetti komuni kemm għal anzjani kif ukoll għaż-żgħażagħ. Dan kien avveniment ta' success, li qatt qabel ma kien seħħ fl-istorja twila tal-Kunsill.

Żewġ kellmiet huma għal qalb il-President - **Rispett u Dinjitá** xierqa għal Anzjani Maltin u Għawdxin.



# RINGRAZZJAMENT

Il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjoanli tal-Anzjani, minn qalbhom, jixtieqi juru l-apprezzament tagħhom u jirringrazzjaw lis-Sur Anthony Mulè Stagno tal-għajnuna u x-xogħol fejjiedi li dejjem għamel matul is-snin li dam bħala membru fil-Kunsill, fiż-żmien li kont tokkupa l-kariga ta' Segretarju għall-4 snin sħaħ, kif ukoll bħala President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għall-4 snin sħaħ ukoll.

F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill inroddlek ħajr u nixtiequlek kull ġid u saħħa.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Joseph Zammit

**Ass. Segretarja:**
Mary Farrugia

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# *EDITORJAL*



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Fin-novella *Nina,* li tidher fil-ktieb tiegħi, *L-Appuntament mad-Destin u Stejjer O*ħra, semmejt il-ħanut ta' Mutumallu, li kien jeżisti tassew. Dan il-ħanut kien jinsab fi Triq Fontana, id-Dijuballi, sewwa sew fejn tispiċċa Strada Stretta, in-naħa t'isfel tal-Belt. Kien ħanut tat-te li kien jaqdi l-ħtiġijiet tan-nies li kienu jaħdmu fil-ħwienet ta' Strada Stretta u l-madwar. Naħseb li kien l-ewwel ħanut f'Malta u Għawdex kollha li kien jibqa' miftuħ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Ma kien jagħlaq qatt. Għal xi t-tlieta ta' billejl, kien jieqaf ftit biex inaddaf. Kien jagħmel banketta quddiem il-bieb, biex ħadd ma jidħol jgħaffiġlu fuq in-nadif imma, mill-bqija, dejjem kien ikun miftuħ u, jekk xi darba tinzertah magħluq, għid li ġrat xi ħaġa kbira.

Illum, il-ħanut ta' Mutumallu m'għadux iktar. Il-kwartier fejn kien jinsab twaqqa' biex floku telgħu blokki ta' appartamenti tal-gvern. U lanqas Mutumallu nnifsu m'għadu jgħodd mal-ħajjin. Naħseb li, fejn qiegħed, qed jirringrazzja 'l Alla kull ħin u kull mument li laħaq sejjaħlu qabel id-dinja ntlaqtet minn din il-pandemija li qatt ma rajna bħalha qabel.

Naturalment, minħabba l-pandemija, anki jien, bħal kulħadd, ħtieġli ngħaddi ħafna ħin magħluq ġewwa. Imma, kemm biex ma niġġenninx indur u nagħqad fl-istess tlitt ikmamar u anki biex inħaddem ftit iċ-ċirkulazzjoni u l-muskoli ta' ġismi, forsi ma niġġammjax qabel il-waqt, ħtieġli wkoll noħroġ nagħmel dawk l-erba' passi ta' kuljum.

Fil-Ġimgħa l-Kbira li għaddiet, għal xi l-ħamsa ta' waranofsinhar, ħriġt indur dawra żgħira mal-Belt, bħas-soltu. Sthajjiltni Will Smith fil-film *Survivor* li fih, dan l-artist għandu l-parti tal-uniku bniedem li jibqa' ħaj fil-pajjiż kollu wara apokalissi nukleari.

Ma nafx qattx segwejtu xi wieħed mis-sensiela ta' dokumentarji li jidhru fuq stazzjon televiżiv barrani jismu, *Life without people*. Dan id-dokumentarju jiddeskrivi x'jiġri mid-dinja tagħna u minn dak kollu li nħallu warajna wara li jispiċċa l-bniedem. Dakinhar, barra t-triq, l-istess dehra laqgħetni. Kollox abbandunat. Karozzi xejn, bħal dari. Kieku ħaġa tista' tkun, stajt, kieku ridt, nerġa ninżel nilgħab il-ballun f'nofs it-triq, kif konna nagħmlu meta konna tfal. Il-pjazez ċimiterji, il-ġonna vojti u t-toroq baħħ. Il-ħwienet, il-knejjes, it-talkiesijiet, kollha magħluqin; mhux Mutumallu biss! Għal mument, insejt x'festa kienet u, bejni u bejn ruħi, għidt, "Proprja l-Ġimgħa l-Kbira!"

Kif jurina d-dokumentarju li semmejtilkom, biż-żmien, kollox jibda jitherra, jaqa' u jispiċċa. Il-ħaxix jibda ħiereġ minn kullimkien; min qalb il-ġebel, mix-xquq tal-ħitan, mill-fili ta' bejn il-knatan u mit-toqob taż-żonqor tal-bankini sa ma, bil-mod il-mod, in-natura terġa' tieħu *over*, kullimkien jinkesa bil-veġitazzjoni u l-bliet u l-irħula maħbubin tagħna jsiru kollha qisħom imsaġar.

Dan l-aħħar, kulħadd jispekula minn fejn seta' ġie dan il-mishut *virus*. U min akkuża l-laboratorju taċ-Ċiniżi u min waħħal fil-friefet il-lejl u min qal li xi ħadd kiel xi laħam nej infettat; insomma, kulħadd jivvinta mill-aħjar li jaf. Jien nażżarda ngħid, jekk ma tefgħuhulniex l-aljeni ħalli jeqirduna kollha u joħdulna l-pjaneta? Min jaf? Forsi hekk għad tispiċċa d-dinja għalina!

Sadattant, fortunatament, x'aktarx li għandi żball. Id-dinja ma tidhirx li ser tispiċċa; għall-inqas, għalissa. Imma dan kollu xtaqt inpoġġih *on record,* mhux biss għax għexnieh u esperjenzajnieh matul l-aħħar sena u nofs imma anki għax nemmen u nittama li, mhux fil-bogħod wisq, jekk Alla jrid, it-toroq jerġgħu jimtlew bl-istorbju, il-kafejiet u r-ristoranti jerġgħu jibdew ikunu fgati bin-nies u ma tilħaqx *booking* u t-turisti jerġgħu jibdew ġejjin ihammġu l-ambjent u, fl-istess ħin, iħallu warajhom ġid kbir ġewwa pajjiżna.
Ismagħna nitolbuk Mulej.
Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# INDIRIZZ MIS-SUR ANTHONY MULÈ STAGNO
## President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
## Waqt l-AĠA tal-Kunsill li saret fil-31 ta’ Lulju 2021



Din l-Assemblea Ġenerali nistgħu nsejħula storika taħt ċertu aspetti: għax hi laqgħa li qed issir f’ċirkostanzi speċjali minħabba l-pandemija, barra minn hekk qed issir wara sentejn mill-aħħar waħda flok sena wara, ukoll minħabba din l-imbierka pandemija. Imma issa jidher li għall-grazzja tal-ħanin Alla qed noqorbu lejn it-tmiem u nisperaw li nerġgħu niġu għan-normal ma ndumux. Sadanittant inħeġġiġkom biex tobdu r-rakkomandazzjonijiet li jibqgħu joħorġu l-awtoritajiet tas-saħħa minn żmien għal żmien.

Fl-aħħar Assemblea kellna l-elezzjoni tal-Kunsill il-ġdid u lili għoġobkom teleġġuni fuqu. Fl-ewwel laqgħa tiegħu l-Kunsill ikkonfermani bħala President, għalhekk qed tarawni hawn nerġa’ nindirizzakom. Almenu ‘ffrankajtu li tarawni u tisimgħuni darba. Kif ġew maħtura l-Uffiċjali l-oħra tal-Kunsill ser tisimgħu fid-dettall waqt ir-Rapport Amministrattiv tas-Segretarju.

Ma nistax nagħmel dan id-diskors mingħajr ma nsellem lil tliet exmembri li ħallewna f’dawn l-aħħar sentejn; wieħed hu s-Sur Paul Muscat Terribile li għamel 8 snin membru attiv fuq il-Kunsill. Kellna wkoll il-mewt tas-Sur Maurice de Gaetano li serva fuq il-Kunsill għal xi sentejn bħala Assistent Segretarju u fl-aħħar is-Sur Anton Cremona, il-predeċessur tiegħi għal 4 snin u qabel kien ukoll l-Editur tal-Magazin  għal 4 snin oħra. Filwaqt li niżżihom ħajr ta’ kull ma għamlu fi ħdan il-Kunsill nistiedinkom tingħaqdu miegħi f’talba għal ruħhom u anke jekk hemm xi oħrajn li ma nafux bihom: *Agħtihom oh Mulej il-mistrieħ ta’ Dejjem, id-Dawl ta’ Dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu fis-Sliem, Ammen.*

Mill-aħħar Assemblea Ġenerali ’l hawn ma’ jistax ukoll jonqos li kellna sensiela ta’ riżenji mill-Kunsill dettalji dwar dawk tal-aħħar sentejn jinagħtaw fir-Rapport Amministrattiv. Din is-sena kellna r-riżenja tas-sur Tony Deguara li serva għal 4 snin bħala Segretarju tal-Kunsill kif ukoll tas-Sinjuri Joseph Micallef u Pauline Zammit li kienu r-rappreżentanti tal-Gvern fuq il-Kunsill,

Lil dawn is-Sinjuri kollha u lil xi oħrajn li stajt insejthom nixtieq insellmilhom u niżżihom ħajr ta’ kemm ħadmu fiż-żmien li għamlu fuq il-Kunsill.

U la tkellimna fuq is-Segretarju Parlamentari, dan kien inbidel u ġie maħtur l-Onorevoli Silvio Parnis, li ltqajna miegħu fi żjara ta’ korteżija, kordjali ħafna, fejn iddiskutejna kif nistgħu nikkooperaw flimkien għall-ġid tal-Anzjani. Din is-sena, imbagħad rajna bidla drastika, għax l-Anzjanità Attiva u l-Anzjani ma’ baqgħux taħt Segretarju Parlamentari imma sar Ministru apposta. Dan huwa l-Onorevoli Dr. Michael Farruġia, li minhawn f’ismi, f’isem il-Kunsill u f’isimkhom nixtieq nawguralu fejqan ta’ malajr. Illum kellu jiġi jindirizzana imma ma’ jistax minħabba li qiegħed kwarantina. Ġà kellna konoxxenza tiegħu meta kien Ministru tal-Familja u ġà ltqajna miegħu minn meta sar Ministru. Nixtieq minn hawn insellem ukoll liż-żewġ Segretarji Parlamentari ta’ qabel, l-Onorevoli Anthony Agius Decelis u l-Onorevoli Silvio Parnis li dejjem ħdimna magħhom bl-akbar sens ta’ kooperazzjoni miż-żewġ naħat. Niżżihom ħajr minn qalbi ta’ kemm dejjem sibna l-appoġġ tagħhom.

Fis-sena 2019 ġejna msejħa wkoll biex nissieħbu, permezz ta’ Koordinatur, fuq id-Direttorat tal-Maltin li jgħixu barra, magħrufa wkoll bħala Diaspora Maltija.

F’din is-sena kellna wkoll it-tmiem tal-inkarigu tas-Sur Saviour Attard bħala kunsillier fuq l-AGE platform Europe. Billi dan wera x-xewqa li ma jerġax jissottometti ruħu għal dan l-inkarigu, ġie magħżul Dr. Anthony De Giovanni biex jieħu postu. Dan seħħ bi ftehim mal-NAP u l-Fondazzjoni Nanniet Malta, li huma wkoll Membri tal-AGE.

Din is-sena tellajna Sessjoni Parlamentari bit-titlu: Solidarjetà Bejn il-Ġenerazzjonijiet. Din nistgħu ngħidu li kienet suċċes u ntlaqgħet tajjeb ħafna, speċjalment għax kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ. Ma nistax ma nirringrazzjax lil kull min ta sehmu biex tkun is-suċċess li kienet, inklużi is-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Anthony Decelis, lill-*Ispeaker*, lis-Sur Pierre Mallia, Direttur tal-Parlament, lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u l-aħħar, iżda żgur mhux l-inqas lill-Kumitat organizzattiv tal-KNA, immexxi mis-Sur Peter Paul Bonnici, u lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, li ħadmu fuq li ħadmu biex din l-okkażjoni tkun suċċess.

Bdilna wkoll wiċċ il-magazin tagħna, *L-Anzjani Llum* biex ikun aktar attraenti billi bdilna l-istil tal-qoxra. Il-mitt ħarġa, li taħbat ukoll il-25 anniversarju, ħriġniha kolla bil-kulur.

Imma issa, wara li tkellimna fuq il-passat, ejja nagħtu daqxejn ta' ħarsa lejn il-futur. Konna fassalna Programm ta' Ħidma li kellna niddiskutuh fid-dettall fl-aħħar AĠA li ma saritx. Issa li, biex ngħidu hekk, qdiem inħeġġeġ lill-Kunsill il-ġdid biex jeżaminah u jew jaddottah jew jemendah għas-sentejn li ġejin. Konna wkoll ipproponejna li s-seduta Parlamentari li ġibdet tant interess u l-Konferenza Nazzjonali li s-sena ta' qabel kienet ukoll suċċes isiru xi ħaġa regolari ta' kull sena.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma' ninfurmakhom, b'għafsa ta' qalb, li din ser tkun l-aħħar darba li tarawni bħala Membru tal-Kunsill. Kif xi wħud minnkhom forsi ġà jafu jien ilni xi 10 snin noħroġ għal fuq il-Kunsill u l-ewwel kont kooptjat imbagħad servejt għal 4 snin bħala Segretarju u l-aħħar 4 snin bħala President. Issa wasal iż-żmien li nieqaf. Kif ġà offrejt lill-Kunsill preżenti u kif noffri lil Kunsill il-ġdid, jien lest li xorta nibqa' ngħin sa fejn nista'.

Nistqarr magħkom li dawn kienu 10 snin ta' unur u sodisfazzjon għalija għax fihom għamilna affarijiet utli flimkien. Ma jfissirx li kollox kien ward u żahar, imma dik il-ħajja; daqqa minn fuq u daqqa minn taħt. Però jien kburi li kull diffikultà li kellna ssuperajniha u ħriġna aktar qawwijin. Dan kollu bill-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-Membri tal-Kunsill, dawk ta' qabel u dawk ta' issa li f'kull kariga li kelli dejjem sibthom ta' appoġġ. U ma rridx ninsa anki l-kooperazzjoni li sibt mal-Għaqdiet Affiljati. Naturalment ma rridx ninsa lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar li fiha kemm jien u kemm il-Kunsill kollu dejjem sibna ħajt ta' appoġġ.

U nagħlaq, issa bis-serjetà, billi nawgura lill-Kunsill il-Ġdid li jkompli jaħdem, dejjem b'rispett lejn l-għanijiet imniżżla fl-Istatut, għall-ġid tal-Anzjani tagħna.

Grazzi.

## Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-snin 2021-2023

Wara l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li saret fil-31 ta' Lulju 2021, il-Kunsill il-ġdid żamm l-ewwel laqgħa tiegħu nhar it-Tnejn, 2 t'Awwissu fejn ġew maħtura l-uffiċjali tal-Kunsill.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2021-2023, huwa ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| **PRESIDENT** | **- Is-Sur Peter Paul Bonnici** |
| **VIĊI PRESIDENT** | **- Is-Sur Nazju Abela** |
| **SEGRETARJU** | **- Is-Sur Joseph Zammit** |
| **ASST. SEGRETARJA** | **- Is-Sinjura Mary Farrugia** |
| **TEŻORIER** | **- Is-Sur Godwin C. Micallef** |
| **ASST. TEŻORIER** | **- Is-Sur Saviour Attard** |
| **SEGRETARJU INTERNAZZJONALI** | **- Dott. Anthony De Giovanni** |
| **UFFIĊJAL GĦAR-RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI** | **- Is-Sur Nazju Abela** |
| **ASST. URP** | **- Is-Sur Josiah Grech** |
| **MEMBRI** | **- Is-Sur Alfred Mallia** |
| | **- Is-Sinjura Mary Mangion** |
| | **- Is-Sur Frank Mumford** |

**Żewġ membri oħra għad iridu jiġu nominati mill-Ministeru**

| | |
|---|---|
| **EDITUR – 'L-ANZJANI LLUM'** | **- Is-Sur Vincent Piccinino** |





# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SNIN 2019/2020
# Waqt l-AĠA tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li saret fil-31 ta' Lulju 2021

Minħabba r-restrizzjonijiet tal-Pandemija l-AĠA tal-2020 ma setgħetx issir, għalhekk dan ir-Rapport Amministrattiv ser ikopri sentejn, mill-2019 sal-2020.

Bħas-snin ta' qabel fis-sena 2019 il-Kunsill żamm il-laqgħat kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, b'dawn l-eċċezzjonijiet: Il-laqgħa ta' Marzu ma saritx minħabba li ma kellniex kworum. Il-laqgħa ta' Ottubru kellha ssir fit-tieni Tnejn tax-xahar minħabba li l-ġimgħa ta' qabel saret is-Sessjoni Parlamentari mtella' mill-Kunsill. Fis-sena 2020 saru laqgħat sa Marzu. Minn April sa Ġunju ma saru l-ebda laqgħat minnħabba il-Covid-19. F'Lulju saret laqgħa **taħt il-miżuri kollha meħtieġa,** ġewwa il-binja tal-G.W.U, grazzi għas-Sur Lino Debono li ħadem u stinka biex issir hemm, u lis-Segretarju Ġenerali tal-GWU li offrewlna din is-sala. Minn Awwissu sal-aħħar tas-Sena ma sarux aktar laqgħat minħabba li reġgħu telgħu l-każi u reġgħu ħarġu miżuri ġodda dwar il-COVID-19.

L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sentejn kienet tajba. (ara Appendiċi A u A1).

Is-Sibt, 23 ta' Frar 2019, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, saret l-Elezzjoni għal 4 Membri fuq il-Kunsill, skont subartikolu 3.1.2 para. ċ. tal-Istatut. Kienet miftuħa għal 21 Għaqda/Assoċjazzjoni li huma affiljati mal-Kunsill, u minn dawn il-21 Għaqda rċivejna 11-il formola mimlija biex jattendu għaliha. Kull Għaqda kienet mitluba tibgħat 3 delegati biex jivvutaw u mistidnin jibagħtu nominazzjonijiet għal membri fuq il-Kunsill. Attendew 24 Delegat, u ġew Nominati 5 kandidati li kisbu dan ir-riżultat:

| | |
|---|---|
| ATTARD SAVOIUR (Assoċjazzjoni Membri U3E) | 14-il Vot |
| BONNICI PETER PAUL (Għaqda tal-Pensjonanti U.H.M.) | 15-il Voti |
| DEBONO LINO (Għaqda tal-Pensjonanti G.W.U,) | 10 Voti |
| MICALLEF GODWIN C. (Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Pensjonanti – NAP) | 13-il Vot |
| MULÉ STAGNO ANTHONY (Għaqda Pensjonanti – Telemalta/Maltcom/GO) | 14-il Vot |

L-4 Kanditati li ġew eletti huma: Attard Saviour, Peter Paul Bonnici, Micallef Godwin C., u Mulè Stagno Anthony. Debono Lino ġie ddikjarat bħala r-*runner up*.

Fis-16 ta' Marzu 2019, waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali, li saret fl-Istitut Kattoliku, Il-Furjana, saret elezzjoni oħra għal żewġ (2) Membri oħra għal fuq il Kunsill minn dawk preżenti skont subartikolu 3.1.3 tal-Istatut. Ġew nominati 3 persuni, Nazju Abela, Lino Debono u Mary Farrugia, ġie Elett Nazju Abela filwaqt li Lino Debono u Mary Farrugia ġabu voti indaqs. Għalhekk kella ssir it-tieni Elezzjoni biex jiġi Elett wieħed minnhom. Ġiet Eletta Mary Farrugia u Lino Debono bħala r-*runner up*.

It-Tnejn, 4 t'April 2019, saret l-ewwel Laqgħa tal-Kunsill bil-Membri l-ġodda, waqt il-Laqgħa saret il ħatra tal-Uffiċjali fuq il-Kunsill għall-2019-2021. B'voti unanimi l-Kunsill ġie ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| PRESIDENT | Anthony Mulè Stagno |
| VIĊI-PRESIDENT | Peter Paul Bonnici |
| SEGRETARJU | Anthony Deguara |
| ASST. SEGRETARJA | Doris Aquilina |
| TEŻORIER | Gowin C. Micallef |
| ASSITENT TEŻORIER | Saviour Attard |
| SEGRETARJU INTERNAZZJONALI | Anthony De Giovanni |

| | |
|---|---|
| UFFIĊJAL RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI | Nazju Abela |
| MEMBRI : | Mary Farrugia, Alfred Mallia, Mary Anne Mizzi, John Bonnici, u Carmelo Sammut |
| EDITUR "L-ANZJANI LLUM" | Vincent Piccinino, li għalkemm mhux membru xorta aċċetta li jibqa bħala Editur |
| BORD EDITORJALI | Anthony Mulè Stagno, Nazju Abela, Mary Farrugia u Marica Attard Cassar |

Il-President bagħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-membri li ma baqgħux fil-Kunsill u 'l dawk li m'għadhomx fil-kariga li kellhom. Ġie propost li nibagħtu ittra ta' stedina lil Lino Debono li ġie bħala *runner-up* fiż-żewġ elezzjonijiet biex jekk irridx jaċċetta li jissieħeb mal-Kunsill bħala membru *Co-Opted*, mingħajr id-dritt ta' vot fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Lino Debono, aċċetta l-proposta.

F'dawn is-sentejn kellna diversi riżenji minn Membri tal-Kunsill. F'Mejju kellna r-riżenja tas-Sinjura Mary Anne Mizzi minħabba raġunijiet ta' saħħa, u li postha fuq il-Kunsill ħadu s-Sur Frank Mumford maħtur mill-istess Għaqda tal-Ħbieb tal-Morda u tal-Anzjani f'Għawdex skont l-Istatut. F'Mejju kellna wkoll ir-riżenja, tas-Sur John Bonnici, li ġie Elett bħala Kunsillier fl-Elezzjoni li għaddiet, u li skont l-Istatut Par. 1.3 ma jistax ikompli bħala membru fil-Kunsill, u floku ġie s-Sur John Barbara, nominat mill-Gvern. Fis-sena 2020 kellna r-riżenji tas-Sur John Barbara, u s-Sur Carmelo Sammut, li kienu Nominati mill-Onorevoli Anthony Agius Decelis - Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attiva, minħabba li fil-bidu tal-2020 dan tal-aħħar ġie sostitut mill-Onorevoli Silvio Parnis, bħala Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilità u Anzjanità' Attiva. Is-Segretarju Parlamentari l-ġdid innomina lis-Sur Joseph Micallef u s-Sinjura Pauline Zammit għal fuq il-Kunsill.

Nixtieq minn hawn nizzi ħajr lil dawn il-persuni kollha li rriżenjaw f'dawn l-aħħar sentejn tas-sehem tagħhom fuq il-Kunsill.

Tul dan il-perijodu saru diversi ħidmiet, kuntatti u laqgħat ma' diversi entitajiet mill-Membri tal-Kunsill sabiex naraw kif dejjem intejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-Anzjani Maltin u Għawdxin. Forsi ta' min ifakkar li x-xogħol tal-Kunsill isir b'sagrifiċċju u responsabbiltà kbira u fuq bażi volontarja.

Fost dawn il-ħidmiet kellna diversi kuntatti u laqgħat, mal-E.T. Dott. George Vella, President ta' Malta, mal-Onorevoli Joseph Muscat, Prim Ministru ta' Malta, mal-Onorevoli Dott Michael Falzon, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, mal-Onorevoli Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, ma' Dott. Maria Deguara Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanita' Attiva, Persuni b'Disabilitá u l-Ġlied kontra d-Dipendenzi u l-Vizzji, ma' Dott. Renzo De Gabriele, CEO ta' Dipartiment Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, mall-Kummissarju għall-Anzjani Dott. Mary Vella, fejn żewġ membri mill-Kunsill huma appuntati bħala membri fil-Kunsill tal-Kummissarju għall-Anżjani, u fejn minn żmien għal żmien isiru l-laqgħat, u mas-Sur Oliver Scicluna, Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, fejn żewġ membri mill-Kunsill ġew nominati, biex kull tliet xhur ikollom laqgħat mall-Kummissjoni. Minn din is-sena ġejna msejħa biex nibagħtu rappreżentant fil-Kunsill Diaspora fuq Emigranti Maltin.

Kellna diversi attivitajiet ukoll barra minn Malta, speċjalment fi Brussell, Saviour Attard attenda bosta laqgħat differenti u *Council Meetings* fejn ir-rapporti qegħdin fl-Uffiċċju. Il-Kunsill huwa Affiljat mal-Għaqda tal-*AGE Platform Europe*, din is-sena Saviour Attard temm il-ħatra tiegħu bħala Kunsilier fuq l-AGE wara tliet snin u aċċena li jċedi n-nomina tiegħu lil ħaddieħor. Il-Kunsill ħass li għandu jinnomina persuna oħra minnfloku. John P. Bonnici nnomina lil Dr. Anthony De Giovanni u l-membri aċċettaw unanimament, minħabba li huwa wkoll is-Segratarju Internazzjonali fuq il-KNA. Ġie deċis li nagħmlu laqgħa mall-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, u l-Fondazzjoni Nanniet Malta, li huma wkoll membri tal-AGE biex jikkonfermaw min ser ikun Kunsillier u Sostitut. Bi ftehim qablu u aċċetaw li Dr. Anthony De Giovanni jkun il-Kunsilier fuq l-AGE għat-tliet snin li ġejjin, filwaqt li s-Sur Moses Azzopardi min-naħa tal-NAP, ikun is-Sostitut. Dr. Anthony De Giovanni wkoll attenda bosta laqgħat tal-AGE Platform, kemm fi Brussell u anki virtwali.

Fost laqgħat oħra li attendejna u ħidmiet li ħadna sehem attiv fihom hemm:

Attivitajiet mill-Gvern, mill-Partit Laburista, u l-Partit Nazzjonalista. Laqgħat Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, *NCPE's Annual Conference* 2019, kif ukoll l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-*AGE Europe* fi Brussell. Fl-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill tqassam l-Istatut li kien ġie Rivedut. Saru ħidmiet ma' *CEO of the new Road Agency*, fejn enfasizzajna li qegħdin niġu miċħuda mill-Liġi tal-Bankini, kif ukoll mas-

Segretarju Parlamentari l-Onor. Aguis Decelis, fejn tkellimna miegħu li l-Kunsill kien qiegħed jirċievi diversi lmenti fuq id-dislivell perikoluż tal-bankini. Attendejna għas-*Social Affairs Committee* – Preżentazzjoni, ''Abbuż fuq l-Anzjani'', fil-binja tal-Parlament, laqgħa fuq id-Dimenzja fil-Parlament, għas-*Silver Economy Forum,* laqgħa tal-*Block Chain,* għat-tnedija Uffiċjali tal-iskema tal-Passaport tal-Kbar ta' *Heritage Malta*. Irrispondejna diversi *questionnaires* li jiġu mibgħuta minn studenti, il-President wera l-interess tiegħu li jassisti studenta li qiegħda tagħmel *Research in Studies concerning the Elderly*. F'Mejju, ġew ippreżentati lill-Kunsill, tliet settijiet ta' Kotba mnedija mis-Segretarju Parlamentari għal-Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attiva l-Onor. Anthony Agius Decelis – Edizzjoni Tipa Kbira għall-Anzjani li ma jkunux jistgħu jaqraw tipa żgħira, miktubin minn Frans Sammut. Attendejna għaċ-Ċerimonja ta' Tifkira – is-*Sette Giugno*. Il-President għamel diversi taħditiet fuq Anzjanità Attiva jew suġġetti oħra.

Membri mill-Kunsill attendew għal-Laqgħa - Id-Droga ... u s-Saħħa Mentali? Ir-Realtá, is-Saħħa u l-Prevenzjoni , imtellà mill-*OASI Foundation* u *Naxxar Local Council.* Għall-quddiesa li l-Caritas Malta torganizza ta' kull sena għall-Jum l-Anzjan. Rappreżentanza mill-membri tal-KNA attendew għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' Premju Anzjanità Attiva, għall-Quddiesa Pontifikali ta' Jum l-Indipendenza.

Ħidma ftit fit-tul minn fost uħud mill-membri tal-KNA, ġie konkluż is-*Civil Code Regulations (Register of Beneficial Association)* mal-*Identity Malta* u ġejna ukoll aċċettati fis-*Second Registry of the Commissioner for Voluntry Organisation.*

Anthony Mulè Stagno attenda għal *Natiflife Project - Info Day – Assistve Technology for the Independent Living,* fejn għamel preżentazzjoni fuq it-teknoloġija kif tolqot l-anzjani. Għal *consultation sessions* fuq *Church Safeguarding Policy and Procedures for children and vulnerable adults*. Għall-*Half Day Seminar on the gender pay gap, inactivity and the gender pension gap*. Għall-Konferenza 'Ħajja Attiva għall-Anzjani Tagħna'.

Fil-Laqgħa ta' Diċembru tal-Kunsill ġie ssuġġerit li fix-xahar t'April issir laqgħa tal-Kunsill f'Għawdex. Naturalment din ma saritx minħabba l-Covid-19.

Fl-2020 l-attività naqset sewwa, mhux biss mill-Kunsill tagħna imma mill-entitajiet kolla f'Malta, biex ma ngħidux fid-Dinja. Imma xorta ħadna sehem f'konferenzi u laqgħat, fil-biċċa l-kbira tagħhom virtwalment, fosthom:

Kellna laqgħa ta' konoxxenza, mall-Onorevoli Silvio Parnis, fejn tkellimna dwar l-hidmiet tal-Kunsill. Attendejna għal diversi stediniet ta' laqgħat mill-Partit Laburista, għal-laqgħa ta' CRPD, li kienu jsiru kull tliet xhur, għall-Assemblea Ġenerali Annwali tal-*Floriana Senior Citizens*. Laqgħat li bdew isiru *One to One* mal-Għaqdiet Affiljati. Għall-*Public Consultation tal-SCSA – Social Regulatory Standards for Residential Services for Older Persons.* Laqgħa oħra mal-Onor. Maria Deguara biex nitkellmu fuq is-suġġett ta' 'Kif laqtet il-Covid 19 lill-Anzjani'. Mal-*AGE Platform Europe*, u diversi laqgħat oħra.

Fost ħafna ħidmiet oħra nħatru diversi Sottokumitati biex jaħdmu fuq diversi ħidmiet u attivitajiet:

- Sottokumitat fuq Programm ta' Ħidma għas-Snin 2020/2021

Wara diversi laqgħat mis-Sottokumitat, f'Ottubru saret Laqgħa mall-Għaqdiet Affiljati, ġewwa l-Uffiċċju tal-KNA fejn minn qabel ġew mistiedna biex jibagħtu proposti b'ideat ġodda kif ukoll suġġerimenti biex jiġu diskussi waqt il-laqgħa. Dan kellu jitqassam u jiġi approvat fl-AĠA tal-2020 imma din ma saritx, għalhekk żammejnieh fuq l-ixkaffa biex issa jiġi eżaminat mill-Kunsill il-ġdid.

- Sottokumitat - Parlament - Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet

Saru diversi laqgħat u ħidmiet biex din is-Sessjoni Parlamentari tittella, laqgħat mal-Onor. Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, mas-Sur Pierre Mallia, Direttur tal-Parlament Malti ġewwa il-Parlament ta' Malta, laqgħat bejn il-KNA u l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, laqgħat mal-Professur Marvin Formosa, mal-Professur Andrew Azzopardi u mas-Sur Anthony Gatt – Caritas Malta, mal-Għaqdiet Affiljati fejn dawn kollha ġew mistiedna biex jattendu kif ukoll jitkellmu waqt din is-Sessjoni Parlamentari. Mistiedna biex jitkellmu kien hemm ukoll, l-Onor. Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilitá u Anzjanitá Attiva, l-Onor. Dr. Maria Deguara, Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanità Attiva, il-Persuni b'Diżabilità u l-Ġlieda kontra d-Dipendenzi u l-Vizzji, l-Onor. Ryan Callus, Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Ġlieda kontra l-Obeżità, u L-Onor. Dr. Clifton Grima, Segretarju Parlamenari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal- Volontarjat. Kellna wkoll intervisti fuq Radju Malta, Radju Net FM, fuq *One TV*, u fuq *Television Malta*. Kienet Sessjoni Parlamentari tajba ħafna fejn ittellat b'suċċess.

- Sottokumitat biex għas-sena d-dieħla jintbagħtu proposti u suġġerimenti lill-Gvern għall-Baġit 2021

Inħareġ il-punt li meta nibagħtu l-proposti tal-Baġit tajjeb li dawn jiġu diskussi mal-Għaqdiet Affiljati u biex wara jiġu mibgħuta mill-KNA f'isem kullħadd.

- Laqgħat tal-Bord Editorjali - 'L-Anzjani Llum'

Waqt il-laqgħat bejn il-Bord Editorjali ġew issuġeriti punti biex intejbu il-*Magazine* tagħna 'L-Anzjani Llum', biex ikun aktar attraenti billi tinbidel il-faċċata tiegħu u ssir kompetizzjoni għad-disinn tal-faċċata bejn il-membri u abbonati Anzjani. Dan il-*Magazine* li bqajna nippublikawh kull 3 xhur bil-ħidma fejjieda tal-Editur flimkien mal-Bord Editorjali u s-Segretarja Amministrattiva.

Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li taw xi donazzjoni u lil kontributuri li jiktbu fuq il-*Magazine* fejn nirringrazzjahom ukoll tal-kontribut li jagħtu bil-kitbiet tagħhom. Tul din is-sena anki s-sit elettroniku baqa' jiġi aġġornat regolarment. Din is-sena kellna nsibu *Proof Reader,* u wara ħafna kuntatti sibna waħda fejn offriet li tagħmel il-*Proof Reading* għal-prezz ta' Đ50 kull ħarġa. Din ġiet aċċettata mill-Membri. Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi

Doris Aquilina
Segretarja Proviżorja



# Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna *email* fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.

# Nazju Abela f'intervista mal-espert tar-Regatta Nazzjonali Joe Serracino M.Q.R.




Darbtejn fis-sena, f'żewġ festi nazzjonali; fil-31 ta' Marzu u fit-8 ta' Settembru, fil-Port il-Kbir, issir ir-Regatta Nazzjonali organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali. Din hija kompetizzjoni ħarxa tal-qdif bejn il-bliet (imsejħin distretti) li jdawru l-Port il-Kbir. Meta jkun temp sabiħ, titgħaxxaq tara l-Port il-Kbir imlibbes bil-bnadar imlewna tad-distretti u n-nies fuq is-swar u madwar ix-xtut tal-Belt u l-Kottonera. Meta tintemm ir-Regatta u jitħabbar ir-rebbieħ, issir festa kbira f'dik il-belt li tkun kisbet l-akbar għadd ta' punti.

Bniedem li jħobb ir-Regatta u l-aktar li jaf l-istorja tagħha sa mill-bidu nett huwa Joe Serracino mill-Isla. Lil Joe dejjem nafu entużjast kbir tar-Regatta u jien nafu sew għax, meta kont *Chairman* tal-Kumitat Festi Nazzjonali, spiss kont nistiednu biex ikun parti mill-ġurija. Barra minn hekk, Joe kien imfittex ħafna minn stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni biex jagħti tagħrif dwar ir-Regatta.

Din l-intervista mas-Sur Serracino se tikkonċentra l-aktar fuq hekk imma mhux biss. Peress li Joe joqgħod Bormla u twieled eżatt wara l-gwerra, ser jagħtina wkoll tagħrif dwar kif kienu l-ewwel snin ta' wara l-gwerra u anki dwar ir-rikostruzzjoni tat-tlitt ibliet

**Joe, tridx, l-ewwel nett, tgħidilna xi ħaġa dwar it-tfulija u żogħżija tiegħek**
Jien l-iżgħar fost ħames subien. Twelidt l-Isla fl-20 ta' Frar 1944. Tfuliti u żgħożiti għaddejthom l-Isla. Ħadt l-edukazzjoni tiegħi fl-iskola primarja tal-Isla, imbagħad f'De La Salle *College*, Bormla, id-*Dockyard School* u komplejt l-MCAST tal-Imsida.

**X'kien il-bidu u l-istorja tar-Regatta?**
Kif nafu, it-tlitt ibliet tal-Kottonera għandhom rabta speċjali mar-Regatta; drawwa antika tat-tlielaq tal-opri tal-baħar li ssir darbtejn fis-sena fil-Port il-Kbir u li, fiha, jipparteċipaw Bormla, il-Birgu, l-Isla, il-Kalkara, il-Marsa, Valletta (antikament, Marsamxett) u Birżebbuġa.

Ħafna jaħsbu li r-Regatta bdiet wara l-Gwerra imma, realment, din id-drawwa kienet ilha magħna sa mill-bidu tas-seklu sbatax. Data eżatta meta bdiet ma nafux imma, minn dokument tal-1642, insibu li l-Bormliżi talbu lill-Kanċillier tal-Ordni jagħtihom permess jorganizzaw tiġrija tad-dgħajjes nhar il-festa tar-Rużarju, bħalma kienu jagħmlu n-nies tal-Isla fil-festa tal-Porto Salvo. Għandna ħjiel li din it-tiġrija kienet ilha ssir is-snin. Storikament, din id-drawwa hija marbuta mal-knisja tal-Porto Salvo tal-Isla, li nbniet fl-1596, magħrufa bħala ta' San Filippu. Qabel l-1616, din it-tiġrija ma tissemmiex fil-visti pastorali imma, wara, tissemma ħafna; tista' tgħid, f'kull vista pastorali li saret f'dik il-knisja.

**Nafu min bdiha r-Regatta?**
Iva, bdewha s-sajjieda u l-barklori Sengleani. Kienet tiġrija parrokkjali bejn qaddiefa u dgħajjes mill-Isla biss. Fl-1822, mit-tiġrija tal-Porto Salvo ħarġet dik tal-Vitorja, illum, magħrufa bħala r-Regatta Nazzjonali. Waqt li t-tiġrija tal-Porto Salvo kienet issir minn taħt l-Isptar ta' Bighi sal-Ponta tal-Isla, tal-Vitorja bdiet issir minn Ras Ħanżir sad-Dwana l-Antika. Fl-1884, it-Tiġrija tal-Vitorja ġiet inkluża bħala l-avveniment sportiv fil-Jum Nazzjonali tat-8 ta' Settembru.

Bejn l-1914 u l-1918 u bejn l-1939 sal-1950, it-tiġrija ma saritx, ovvjament, minħabba ż-żewġ gwerer. L-ewwel tiġrija wara l-gwerra saret fl-1951. Sal-1954, dawn it-tiġrijiet kienu jsiru fuq bażi individwali. Fl-1955, id-distretti ftiehmu li jintroduċu l-*Aggregate Shield*. Kull kategorija ta' opri tingħata l-punti u d-distrett li jirnexxilu jakkwista l-akbar għadd ta' punti jirbaħ ix-*Shield*. Bejn l-1959 u l-1961, ir-Regatta Nazzjonali kienet affettwata mill-bojkott tal-Partit Laburista. Fl-1962, tneħħa l-bojkott u r-Regatta reġgħet ħadet il-ħajja mill-ġdid bil-parteċipazzjoni sħiħa tas-sitt distretti tradizzjonali imma kien hemm żmien qasir li, fih, ipparteċipaw anki Marsaxlokk u Għawdex.

Illum, ir-Regatta titmexxa mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor bl-għajnuna tal-Gvern. Fl-1979, kienet introdotta t-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien. Din it-tiġrija, li titmexxja fuq l-istess regoli tat-Tiġrija tal-Vitorja, saret biex, fiha, jipparteċipaw qaddiefa ġodda imma l-pika eterna fost id-distretti, speċjalment, tal-Kottonera, wasslet biex, fl-1985, ġiet introdotta għaliha u ħafna qaddiefa żgħa**żagħ tilfu posthom għal dawk iktar stabbiliti. Oriġinarjament, din it-tiġrija kienet issir fid-***Dockyard Creek*, mid-Dwana l-Antika sal-Maċina, imma, fil-bidu tas-snin disgħin, bdiet issir fil-kanal fejn issir ir-Regatta Nazzjonali..

**X'inhu s-sehem tiegħek fir-Regatta?**
Fil-poplu Malti, din it-tradizzjoni antika li, fi ftit tas-snin oħra, tagħlaq 400 sena, tqajjem interess kbir. Fil-fatt, is-sena d-dieħla (2022) ir-Regatta Nazzjonali (It-Tiġrija tal-Vitorja) tagħlaq 200 sena. Jien ngħin lill-ġurnalisti fil-kollegamenti tagħhom f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-istorja u l-għarfien tar-regolamenti; nagħti intervisti u anki nagħmel taħditiet ta' pubbliċitá dwar l-istorja, kemm fuq stazzjonijiet tar-radju u t-televizzjoni lokali kif ukoll dawk barranin li jinzertaw ikunu qed isegwu r-Regatta.

**Xi tgħidli dwar il-Kottonera ta' wara l-Gwerra.?**
Kif bdiet il-gwerra, ħafna familji mill-Kottonera fittxew il-kenn f'diversi rħula bħal Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, ir-Rabat, Ħad-Dingli, Wied il-Għajn u, saħansitra, f'Għawdex. Meta ntemmet il-gwerra, ħafna minnhom ma reġgħux ġew lura. Fost it-tlitt ibliet, l-Isla kważi ġġarrfet għalkollox. Bormla wkoll sofriet il-qilla tal-gwerra, l-aktar f'ħafna mill-bini madwar il-knisja. L-impatt tal-bombi fuq il-Birgu ma kienx daqstant kiefer għalkemm kien hemm ħafna djar li ntlaqtu mill-bombi tal-għadu.

Fortunatament, fi ftit snin, l-Isla, Bormla u l-Birgu reġgħu inbnew mill-ġdid. Il-postjiet li ma mtlewx mill-familji Sengleani, Bormliżi u Ġirbin, imtlew b'oħrajn li resqu lejn il-Kottonera minn diversi rħula minħabba x-xogħol fit-tarzna. Ovvjament, it-tfal ta' dawn il-familji li twieldu, tgħammdu u ħadu l-edukazzjoni tagħhom fl-iskejjel tal-Kottonera, integraw ruħhom f'dak kollu li toffri l-Kottonera li hija mogħnija b'tant storja, drawwiet u t-tradizzjonijiet religjużi u mhumiex, fosthom anki r-Regatta Nazzjonali.



**U xi tgħidli dwar Joe Serracino, l-awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet**?
Ktibt u ppubblikajt għexieren ta' artikli dwar l-istorja, il-kultura u drawwiet soċjali u reliġjużi, kemm fil-ġurnali lokali u anki f'bosta perjodiċi. Bħala awtur, ippubblikajt tnejn u erbgħin ktieb; sebgħa minnhom fuq ir-Regatta Nazzjonali. L-aħħar xogħol tiegħi kien *L-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja* li deher f'*magazine* Sportiv bejn l-2008 u l-2014. Fl-2017, fuq il-ġurnal L-Orizzont, ippubblikajt erbgħa u ħamsin intervista ma' qaddiefa u ħabrieka oħrajn li taw sehemhom f'dawn it-tiġrijiet kemm qabel kif ukoll wara l-gwerra. Bdejt nagħti sehmi fil-ġurnali u fuq ix-xandir mill-1971. Bejn l-1996 u l-2019, ipproduċejt u ppreżentajt aktar minn tlitt elef programm fuq l-istazzjonijiet tar-radju lokali; programmi varjati dwar storja, kultura u mużika u anki tajt taħdidiet u intervisti fuq ir-Regatta, l-istorja u l-folklor marbut magħha. Matul l-istess perijodu, ħadt sehem fi programmi varjati fuq it-television.

**Mela mhux ta' b'xejn li kont onorat kif jixraq għall-isforzi tiegħek!**
Iva, fil-fatt, inħossni ferm kburi li, fis-sena 2017, kont onorat b'Ġieħ ir-Repubblika; fl-2019, ingħatajt Ġieħ Bormla u, fl-2020, ingħatajt rikonoxximent mill-Għaqda Nazzjonali Regatta u Qdif Ieħor għal servizz eċċellenti u dedikat li tajt matul is-snin biex jinħoloq għarfien dwar din it-tradizzjoni antika Maltija.



**Għandek xi messaġġ għal ħutna l-anzjani?**
Jien inħeġġeġ u nagħmel il-qalb lill-anzjani kollha bħali biex jibqgħu attivi u jagħtu sehemhom kemm jistgħu fl-għaqdiet tal-lokalitajiet tagħhom.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sur Anthony Griscti (San Gwann) - €10.00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
Grazzi bil-quddiem



# Titwiliet Għawdxin

**Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex**

**Munxar, "iż-żgħira"**

Il-Munxar hi l-iżgħar fost il-parroċċi Ghawdxin għax twaqqfet l-aħħar waħda. Fit-12 ta' Diċembru 1957, l-Isqof Ġużeppi Pace ħareġ id-digriet meħtieġ biex inqatgħet minn Ta' Sannat. Imma, minkejja esperjenza twila ta' skola sajf u klassijiet tad-duttrina stabbiliti, il-Munxarin għadhom jużaw l-iskola primarja ta' Sannat.

Għalkemm il-parroċċa mank għalqet il-mija, ir-raħal ilu jeżisti ferm iktar. L-isem niltaqgħu miegħu f'dokument tal-1584. L-arma tfakkarna fl-isem li jirriferi għal serrieq kbir. Probabbilment, beda jintuża minħabba l-forma ġeografika tal-art. Il-, *parvulus sed minitus*, ifisser "żgħir imma sod". Skont ċensiment lejn tmiem is-seklu tmintax, fl-inħawi kienu joqogħdu xi tmenin familja. Bl-għajnuna ta' bosta, inkluż il-kappillan ta' Sannat, Alessandru Cauchi, Patri Manwel Bugeja, Dun Mikelanġ Spiteri u Dun Spir Gauci, din il-kommunità tħabtet għal ħafna snin biex ikollhom kappella tagħhom; ħolma li bdiet titwettaq fit-22 ta' Marzu 1916 bl-ewwel ġebla fuq art mogħtija mill-familja Cassar (ta' Katalla) bi pjanta li ħażżiżha l-bennej Lwiġi Vella. L-Isqof Mikiel Gonzi kkonsagra l-knisja msawra mill-ġebla bajda tipika tagħna fit-18 t'Ottubru 1925. Imma ma twettqitx ix-xewqa ta' Dun Xand li tissemma għal San Xmun bis-serrieq f'idu, kif kien hemm fl-imgħoddi b'waħda mill-kappelli li għosfru tal-inħawi.

Mons Carmelo Xuereb, li sar rettur wara Mons Spiteri, intefa' bil-kbir biex ikompli jgħani din il-knisja, pereżempju, billi akkwista sett qniepen. Il-predikatur popolari, Dun Alan Fenech, li, oriġinarjament, kien patri Dumnikan, sar l-ewwel kappillan fit-8 ta' Marzu 1959. Munxari, li laħaq warajh fl-1965 u dam 'il fuq minn tletin sena, huwa Dun Salv Debrincat, illum membru tal-Kapitlu Katidrali u Kanċellier tal-Kurja. Probabbilment, l-iktar persunaġġ magħruf fost ulied il-Munxar kien il-Professur Ġużè Aquilina li miet fl-1997. Huwa ħadem ferm biex il-Malti jakkwista l-istess rispett bħal ilsna oħrajn.

Il-Munxar jibda l-istaġun Ghawdxi tal-festi parrokkjali fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju biċ-ċelebrazzjonijiet ad unur San Pawl. Fl-10 ta' Frar, jum it-twelid tal-fidi f'pajjiżna, issir quddiesa pontifikali li, għaliha, ikunu mistiednin ir-rappreżentanti tal-għaqdiet minn madwar il-gżira. Il-vara titulari hi xogħol l-istatwarju prominenti Wistin Camillleri. Kienet swiet erbgħin lira li, iktar minn nofshom, ġew mingħand il-benefattur Ġanni Saliba. Dal-kapulavur fih simboliżmu qawwi li jfakkarna fid-diversi aspetti ta' ħajjet l-appostlu. Wara li tbierket mill-Isqof Gonzi fl-10 ta' Jannar 1933, ittieħdet proċessjonalment minn Ta' Sannat sal-Munxar. Din l-istatwa dehret fis-sett ta' bolli maħruġ fl-2008 fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina. Imma r-raħal kien ilu rappreżentat filatelikament mill-2004 meta kaxxa tal-ittri ta' żmien ir-Re Ġorġ V qrib il-knisja dehret f'sett iddisinjat minn Alfred Caruana Ruggier. It-titular ta' Robert Caruana Dingli juri xena drammatika tan-nawfraġju waqt li żewġ pitturi laterali ta' Ramiro Calì jitfgħu il-ħarsa fuq Publiju waqt il-konsagrazzjoni u l-fejqan ta' missieru. L-ewwel pittura, li saret fl-1924, turi l-Madonna taċ-Ċintura mpittra minn Lazzru Pisani. Fil-kor, mal-ġnub tat-titular, naraw lil San Ġorġ u lil Sant Ursola, li jitqiesu bħala l-patruni tal-gżira. Fost l-affarijiet ta' valur insibu l-vintartal, li jirrapreżenta l-Aħħar Ċena, li nħadem minn Edmondo Chiodini, f'Milan.

Ovvjament, lil San Pawl insibuh ukoll f'diversi niċeċ fil-madwar. Lanqas ma tista' tonqos Santa Margerita, il-patruna Sannatija. Fost ix-xbihat Marjani, niċċa li kienet tiġbed devozzjoni qawwija, hija dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-pjazza. F'Ottubru, issir il-purċissjoni tar-Rużarju bil-fratellanza u, fir-Randan, issir tad-Duluri.

Flimkien ma' Ċentru Ċiviku, il-Munxar igawdi wkoll minn Ċentru Parrokkjali attiv ħafna fejn isiru attivitajiet regolari billi jintuża l-palk u hemm ukoll librerija li twaqqfet b'inizjattiva ta' koppja residenti barranin. Hawn insibu l-Azzjoni Kattoilika u l-Leġjun ta' Marija flimkien ma' gruppi ta' formazzjoni iktar moderni. Kien hemm perijodu meta l-Moviment Azzjoni Soċjali kien ħawtiel sew, l-iktar permezz ta' korsijiet. It-tim tal-futbol, il-Munxar *Falcons*, ġieli akkwista riżultati impressjonanti għal post hekk żgħir.

Is-sit preistoriku, 'Ta' Marżiena,' għadu ma ġiex studjat b'mod estensiv. Blatiet megalitiċi jidhru wżati mas-sejjieħ jew moħbija qalb is-siġar. Xaqquf ta' iktar minn perijodu wieħed instab mhux ftit u l-arkeologu David Trump kien għamel pjanta tal-post iktar minn ħamsin sena ilu.

Il-perjodiku parrokkjali jismu "Id-Dawl" li nifhem li jirreferi għad-dawl tal-fidi li wasslilna San Pawl.

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar hu responsabbli anki għax-Xlendi li, jiddispjaċini ngħid, tilef wisq mill-identità tiegħu. Dil-bajja tant popolari mat-turisti, mal-Maltin u mal-Għawdxin jixirqilha titwila għaliha. Jien niftakarha ferm iktar kwieta, bla elettriku u bil-bini tgħoddu. Anki x-xatt kien differenti, b'firxa wiesgħa ta' ramel. Kien irħajjel tas-sajjieda, bosta minnhom mill-ħara tat-Triq tal-Għajn, illum, il-parroċċa tal-Fontana, li ħallewlna mperrċa statwa tal-patrun tagħhom, Sant' Andrija.

L-isem Xlendi, li jidher għall-ewwel darba f'dokument ta' nofs is-seklu sittax, probabbilment, oriġina minn 'xelandion' jew 'xalandi', jiġifieri, 'mirkeb'; referenza ovvja li l-post kien kunsidrat bħala port ta' kenn.

Xtaqt ninnota tliet binjiet storiċi. Nibda mit-Torri maestuż li, xi snin ilu, issemma li se jgħaddi f'idejn Din

l-Art Ħelwa biex iżommuh fi stat deċenti. Ta' min iżuru! Bnieh il-Granmastru Lascaris bħala parti mid-difiża kontra l-furbani.

Fil-bidu tal-Gwerra Bierda, inbniet mill-gvern kolonjali forma ta' midħna taħt l-art (restawrata dis-sena stess) li, bħalha, kienu saru wkoll sebgħa oħra f'Malta. Kienet imdaqqsa ġmielha għax kien ippjanat li tesa' elf tunnellata qamħ imma li, għall-grazzja t'Alla, qatt ma ntużat.

Qribha, hemm il-knisja li taqdi l-ħtiġijiet reliġjużi tax-Xlendin; kemm residenti regolari kif ukoll il-viżitaturi tax-xhur sajfin. Irħama fis-sagristija tgħarrafna li nbniet fl-1868 bil-ħeġġa tan-nutar Niccolò Cauchi li, fil-fatt, kellu sehem finanzjarju għat-twaqqif tad-Djoċesi fl-1864; l-istess sena li l-Isqof (Għawdxi) ta' Malta, Pietru Pace, bierek l-ewwel ġebla fuq art mogħtija mill-Karmelitani tal-Imdina. Ma niżbaljawx niddeskrivu dil-knisja b'faċċata klassikali bħala l-ewwel waħda tad-Djoċesi!

In-nutar Niccolò Cauchi ma qagħadx lura milli juża ġidu anki billi qabbad lil Klement Busuttil jagħmel il-pjanta u lil Salvatore Micallef biex jagħmel it-titular. Ma' mewtu, fl-1872, wirtitu bintu, Carolina, li għażlet lil dun Raffaele Cassar bħala l-ewwel rettur. Carolina hija magħrufa bħala fundatriċi tal-kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani li bdiet f'Għawdex fl-1889 u, illum, huma mxerrdin f'xi nofs tużżana pajjiżi. Infatti, fejn is-sorijiet kienu jistrieħu għall-kenn għadu msejjaħ "l-Għar ta' Karolina".

Waqt maltempata fl-1942, sajjetta għamlet ħsara fil-knisja u Wistin Camilleri ħtieġlu jirrestawra l-kwadru titulari li juri lill-Madonna b'Ġesù f'idejha tagħti l-iskapular lil San Xmun Stokk. Maltempata oħra seħħet fl-1964. Ir-rettur ħeġġeġ lix-Xlendin biex jirringrazzaw 'l Alla li ħelsu mill-għarar billi jakkwistaw vara tal-Karmnu minn Milan. Fl-1965 bdiet il-purċissjoni annwali biha. Iktar tard, sarulha xi alterazzjonijiet fuq suġġerimenti tal-parruċċani.

Fl-1972, l-isqof Nikol Cauchi fetaħ estensjoni tal-knisja li, b'hekk, irduppjat l-ispazju imma, sfortunatament, tilfet l-armonija arkitettonika tagħha. Żdiedet ukoll statwa fuq iz-zuntier u, iktar riċenti, saru sitt kwadri bil-Ferħat Marjani minn Joe Cutajar.

# Is-sigriet tal-imħabba

**Kitba ta' Franky Piccinino**



L-eħfef ħaġa li tista' tagħmel mal-maħbuba tiegħek hija li tgħidilha li tħobbha. Imma, fil-verità, x'inhi l-imħabba vera? Il-ħajja bejn żewġ maħbubin hija sabiħa minn meta tkun namrat sa ma jsejjaħlek il-Mulej. Meta tiżżewweġ, twiegħed l-imħabba tiegħek fin-niket u fl-hena, fil-mard u fis-saħħa, fil-ġid u fil-faqar, eċċ. Eċċ., sa ma l-mewt tifridna. Imma l-erbat ijiem tal-*honeymoon* malajr jgħaddu u mhux kollox jibqa' jidher ileqq daqskemm kien jidher qabel. Hemmhekk tibda l-prova tal-imħabba vera; meta jibdew ġejjin il-problemi ta' kull xorta. Għax, fiż-żwieġ, il-ħajja, inżul u tlajja' u, bħalma jgħidu, għan-niżla, kull qaddis jgħin. Huwa dak li jiġri għat-telgħa li jurik jekk tħobbx lil martek jew lil żewġek tassew jew le.

Agħmel idejk fuq il-kuxjenza tiegħek u wieġeb dawn il-mistoqsijiet ġewwa qalbek. Kapaċi taħfer u tinsa kull meta jkun hemm xi tilwima bejnietkom? Kapaċi tiskużaw lil xulxin? Meta xi ħadd minnkom jgħid xi kelma iebsa, kapaċi tgħid, 'skużani; ma ridtx inweġġgħek' jew torqdu dahar ma' dahar? Mhux aħjar tagħtu bewsa lil xulxin qabel torqdu u tgħidu talba żgħira ta' ringrazzjament lil Alla?

Għax wieħed mis-sigrieti tal-imħabba vera huwa meta ma żżommx f'qalbek; meta ma toqgħodx taqla' stejjer tal-imgħoddi u tiftaħ feriti ta' dak li darba kien. L-imħabba hija sagrifiċju fejn irridu naċċettaw lil xulxin kif aħna tul ħajjitna kollha. M'hemmx riċetta oħra għal vera mħabba.

Meta, jekk Alla jogħġbu, jaslu l-ulied, irridu naċċettawhom u nħobbuhom ilkoll kif jiġu mingħajr prefenzi jew għażliet. Irridu rrabbuhom, nieqfu magħhom, nedukawhom u ntellgħuhom irġiel u nisa anki jekk, forsi, ma jkunux ġew kif xtaqnihom aħna. U dan irridu nagħmluh dejjem u bil-qalb mill-bidu sat-tmiem.

Imbagħad, meta aħna stess nibdew nikbru, huwa hemmhekk li l-vera mħabba tilħaq il-qofol tagħha; meta jersaq il-mard; meta nibdew insiru aktar nervużi u inqas tolleranti; meta nibdew nerfgħu is-salib ta' xulxin kull meta l-affarijiet ma jiġux kif nixtiquhom aħna. Irridu nirrealizzaw li l-imħabba li naraw fil-*films* ma teżistix fid-dinja li fiha ngħixu ta' kuljum. Dik imħabba tal-liżar tat-*talkies*, mhux l-imħabba tal-liżar tas-sodda l-kbira. Mela ma ninsewx dik il-bewsa qabel norqdu għax m'għandna ebda garanzija li għada jerġa' jisbaħ għalina wkoll. U, għalhekk ukoll, meta tqum, għandek tirrringrazzja lil ħanin Alla talli qed jisilfek jum ieħor.

Qed nitkellem mill-esperjenza ta' ħamsin sena żwieġ u, għalhekk, inħossni eliġibbli li nista' nagħmel kuraġġ lil ħafna koppji oħrajn anzjani bħalna li l-imħabba vera teżisti tassew sakemm nibqgħu nżommu f'moħħna li, fuq l-altar taż-żwieġ tagħna konna tlieta, mhux tnejn; jien, is-sieħeb jew is-sieħba tiegħi u Alla l-imbierek. Fl-aħħar nett, insibu l-vera mħabba fiż-żwieġ tagħna dment li, lil Alla, nibqgħu dejjem intuh l-ewwel post.

Nirringrazzjakom talli tajtuni ċ-ċans naqsam dawn l-erba' ħsibijiet umli tiegħi magħkom, nixtiqilkom is-sliem u nawguralkom is-saħħa, speċjalment f'dan iż-żmien diffiċli li d-dinja għaddejja minnu, u bħalkom nittama li, jekk Alla jrid, ma jdumx ma jgħaddi wkoll.

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Is-Sagristan kellu jdoqq il-frejħa

Ħriġna mid-dar l-għada fit-tlieta ta› waranofsinhar. Ġiet it-*taxi* għalina wara l-bieb u, minkejja d-dwejjaq, ħassejtni importanti. Wasalna ħdejn il-knisja fejn sibna jistenniena l-karru tal-mejtin, abjad abjad, b'disinji tad-deheb fit-truf, b'żewġ żwiemel sbieħ kollhom ċfuf, bojod ukoll. L-abjad kellu jfisser innoċenza.

Missieri niżel mill-karozza u daħal il-knisja. Ġie lura ftit minuti wara u, sadanittant, mill-kampnar kienet diġà bdiet tinstema' qanpiena ddoqq. Kien mar ikellem lis-sagristan. "Se jdoqqha l-frejħa; ismagħha!" qalli malli daħal lura fil-karozza.

"X'inhi l-frejħa, Pa?"

"Dik hi l-frejħa, il-mota li tindaqq meta tmut tarbija mgħammda, ismagħha," qal kburi kburi, waqt li rranġa l-ingravata u ġibed il-ġlekk miż-żewġt igħnub. Il-frejħa; kelma li tfisser ferħa żgħira. Bħalma, mill-kelma 'tifla', innisslu l-kelma 'tfajla', id-diminuttiv, hekk ukoll, minn ferħa, ikollna frejħa. Mela din kellha tkun ferħa ċkejkna, ferħa ta' tarbija. Ferħa aktar milli viżtu. Għalhekk ukoll it-tebut tat-tarbija, bħall-karru, kien abjad. Kollox abjad. Imma qalbna kienet sewda!

Ftakart f'ommi li, naturalment, baqgħet id-dar fis-sodda u ttamajt li kienet qiegħda tisma' l-qanpiena sewwa. Fl-inħawi tal-knisja, inġabru ftit Furjaniżi, ilkoll siekta u jħarsu lejna, bil-kelma "jaħasra" moqrija fuq wiċċhom. Hekk kien jiġri f'kull funeral, tal-kbar u taż-żgħar.

"Issa lkoll jafu li binti mietet mgħammda," sthajjiltu qiegħed jgħid bejnu u bejn ruħu.

Il-kuċċier għamel sinjal liż-żwiemel u l-funeral beda jitħarrek. Quddiem it-*taxi* tagħna, kien hemm il-karozza tal-Arċipriet bl-abbati miegħu. Fis-sħana ħiemda ta' waranofsinhar, xejn ma kien jinstema' tul it-triq kollha ħlief il-ħsejjes ritmiċi tan-nagħal taż-żwiemel. Kien is-17 ta' Marzu, jum San Patrizju, u niftakar dan kollu sewwa għax missieri kien kiteb l-isem tat-tarbija u d-data fuq in-naħa ta' wara ta' inkwatru ta' Kristu Re li kien imdendel fil-kamra tal-ikel.

"Jagħmel Alla, ibni," qalet ommi dakinhar. Fid-dar kien jinħass xi ħadd nieqes.

"X'semmejtha Ma, lil oħti?" staqsejtha.

"Olga, ibni. Missierek u jien konna ilna xhur sħaħ li għażilnielha l-isem." Olga kien l-isem ta' waħda miz-zijiet t'ommi.

"X'kontu se ssemmuh kieku kien tifel?" xtaqt nistaqsiha, imma ma kienx il-waqt. "Publju," sthajjiltha tgħid, kieku, "għaz-ziju ta' missierek u, naturalment, għal San Publju."

Maż-żmien, minflok insietha, ommi aktar bdiet tiftakar fiha. Ikun xi jkun id-diskors, kienet tieqaf ħesrem u ttenni l-età li kien ikollha Olga kieku baqgħet ħajja. Xi drabi, kienet tippretendi li qiegħda terġa' tħoss l-uġigħ tagħha wkoll.

"U issa nsieħa!" konna ngħidulha jien u ħuti. "Issa għadda dan iż-żmien kollu!"

"Olga tibqa' binti għal dejjem! Mur ara x'tifla fiha llum, kieku, jaħasra!" baqgħet tirrepeti sa ftit qabel ma mardet u waslet biex tmur hi wkoll.

**Iz-zijiet t'ommi**

In-naħa l-oħra ta' Malta, kienet għalija l-Isla u l-inħawi ta' madwarha. Hemm twieldet ommi u hemm ukoll hija tilfet kmieni ħafna lill-ġenituri tagħha. Trabbiet minn zijietha, żewġ xebbiet u ġuvni li għexu flimkien sa ma xjaħu. Kellhom terran fi Triq Lampuka, ir-Raħal Ġdid; intrata u kuritur twil, kamra laterali tas-sodda, kamra oħra tas-sodda u kċina. Iz-ziju Ġużeppi, naturalment, kien jorqod waħdu għax raġel u ż-żewġ xebbiet f'kamra oħra flimkien. Waħda miz-zijiet kienet ilha snin twal tbati b'puplesija li sammritha ma' sodda, żammitilha lsienha u ma ħallithiex tgħid imqar kelma waħda li tiftiehem. "Alí, alí, alí," kienet tgħid u xejn aktar. Dejjem alí, alí, alí. Kien is-sinjal li kellha bżonn xi ħaġa u kienet tiddepenedi għalkollox miz-zija l-oħra li kienet ir-ras vera tad-dar. Iz-ziju Ġużeppi kien raġel mistħi, magħluq fih innifsu, ta' ftit kliem.

"Illejla mmorru naraw liz-zijiet," kienet tgħidilna ommi.

Ninżlu Triq Sant' Anna nistennew il-karozza tal-linja u nitilqu. Jien u ħuti konna niġġieldu fuq min se joqgħod ħdejn it-tieqa fil-karozza. Jekk tkun vojta, nitqassmu ħdejn kull tieqa u, jekk le, naqsmu l-ħin bejnietna. Konna nieħdu pjaċir inħossu r-riħ ma' wiċċna u ma' jdejna u naraw id-djar tat-toroq jiċċaqalqu u jiġru.

"Daħħlu jdejkom!" kienet tisħaq ommi, imbeżżgħa li tgħaddi xi karozza oħra mħaxkna magħna. Missieri ġieli kien jiġi magħna għax dawn kienu żjajjar regolari, kultant żmien, imma kważi dejjem konna mmorru weħidna. Għalija u għal ħuti kienet mawra twila, skoperta ta' dinja differenti. Konna nibdew billi nieqfu fil-pjazza tar-Raħal Ġdid, nidħlu l-knisja ninviżtaw u, xi drabi, ngħidu ħames posti Rużarju, "biex insibuhom lesti għal filgħaxija" u, imbagħad, noħorġu mill-knisja u nimxu lejn Triq Lampuka. "Tiġrux! Tiġrux!" kienet tgħidilna ommi malli jien u ħuti naħarbu lejn id-dar taz-zijiet tagħha.

# Mur għidlu lil Victor!

**Novella ta' Lina Brockdorff**



Il-familja u r-razza ta' Emily minn dejjem kienu joqogħdu l-Isla. Għalihom, dik kienet l-aqwa belt li teżisti fid-dinja. X'inhuma Pariġi u Londra ħdejn l-Isla, dik il-belt li, għaliha, il-Kavallieri ta' San Ġwann tant issieltu u xerrdu demmhom? U xerrdu demmhom ukoll eluf ta' Maltin. Din kienet l-Isla ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.

Sa minm meta kienet tifla, bilkemm telqet timxi, Emily tiftakar lil ommha toħroġha jippassiġġaw ix-Xatt tal-Isla li tassew kien fih x'tara. Ibda biex, dak il-baħar mimli b'*destroyers* u *minesweepers* Ingliżi; faċċata tilmaħ lil Sant' Anġlu u l-Birgu waqt li, fuq ix-xellug, tilmaħ is-swar għoljin tal-Belt Valletta. Ma' dawn, żid il-moviment kontinwu ta' mijiet ta' dgħajjes ġejjin u sejrin jgħabbu u jniżżlu l-baħrin u l-uffiċjali bl-għajjat tagħhom bl-Ingliż imkisser.

U, xħin tixba' tħares lejn dawn, tista' ddawwar ħarstek lejn ix-Xatt innifsu b'dawk il-ħwienet tax-xorb li, lejl u nhar, mimlijin baħrin jixorbu l-birra, ikantaw u jiżżuffjettaw sa ma jsirilhom il-ħin biex jerġgħu jinġabru lura fuq il-bastimenti tagħhom. Tistenniha li, it-tfajliet Sengleani, kienu jiġġennu għal dawk il-passejn kuljum tul ix-Xatt tal-Isla u tistenniha wkoll li, malli bdiet titfarfar u skopriet li setgħet tilbes żarbun t'ommha b'takkuna daqsiex, Emily bdiet tinżel hemm hija ukoll. Kien hemm mijiet ta' tfajliet Sengleani li ħabbew xi baħri Ingliż li, jaħasra wara jumejn, jirċievi l-ordni biex ibaħħar għal port ieħor u addijo n-namrata jew l-għarusa.

Sew sew kellha sittax-il sena meta Emily bdiet tipprova tistagħad għal namrat mix-Xatt tal-Isla. Għalkemm kienet togħġobha l-uniformi eleganti tal-baħrin u tal-uffiċjali Inglizi, kellha moħħha jilħqilha; kienet tirraġuna li ma jaqbilx li taqbad ma' xi Ingliż biex, wara ftit, ma tarahx aktar. Minn dejjem kellha l-massma li lill-maħbub tagħha kienet trid tkun żgura minnu u li jkun ġuvni serju li jwegħedha mħabbtu għal dejjem ta' dejjem. Madankollu, ma kinitx tonqos li, minn ħin għal ieħor, tagħti xi daqqa t'għajn lejn dawk it-tavolini barra t-triq imdawrin bil-baħrin.

Ġara li ġuvnott li kien imur jgħin lil missieru f'wieħed mill-ħwienet tax-xorb kien jara lil Emily għaddejja ta' kuljum u hi kienet tara lilu. F'kelma waħda, dawn it-tnejn, Emily u Johnnie, inġibdu lejn xulxin u bdew jinnamraw. Għaddew tliet snin u, wara li tgħarrsu, bdew jaħsbu biex jiżżewġu. Sabu terran żgħir mhux bogħod mix-Xatt, xtraw xi ftit għamara tal-abjad mill-idejn u żżewġu mingħajr ħafna briju għax Johnnie kien għadu jaħdem ma' missieru fil-ħanut tax-xorb u l-finanzi kienu limitati.

Madankollu, kienu kuntenti u, wara sentejn, kellhom tifel li t-tnejn qablu li jsemmuh Victor ladarba kienu parruċċani tal-bażilka tal-Bambina. Victor kellu erba' snin meta faqqgħet il-gwerra. Johnnie nġabar bil-lieva u Emily ħaditha bi kbira ħafna għax kienet taf li żewġha kien raġel timidu u mhux maqtugħ għal suldat. B'xorti tajba, xogħlu kien ta' xufier tat-trakkijiet, iwassal l-ikel jew il-munizzjon minn kwartier għall-ieħor. Martu u ibnu rari kienu jarawh u tgħidx kemm kienu jinkwetaw fuqu. Meta kien ikollu ftit tal-ħin bil-frank, għal Emily u għal Victor kienet l-akbar xalata.

Fl-1941, il-gwerra hawn Malta bdiet tiħrax. Kien ġá tard wisq meta bdew jinbnew ix-xelters u, minħabba f'hekk, mietu ħafna nies, speċjalment l-Isla. Kien f'nofs dan il-pandemonju kollu li, darba, ċerta Kunċett, li kienet toqgħod Strada Due Porte, sabet lil Emily waħedha meta Victor kien għand nanntu, u fesfsitilha aħbar xejn sabiħa.

"Ma nixtieqx ninkwetak Em, imma demmi ma jtinix li narak tibqa' sajma b'dak li jsir minn wara dahrek!"

"Jaqaw, biex inti ġejja dalgħodu, Kunċett?"

"Għax mhux l-ewwel darba li nkun sejra għand Kirjolo tal-merċa u nilmaħ lil Johnnie tiegħek dieħel għand Redenta, li issa sar jisimha Ruby, dik ix-xatba li tkun fil-ħwienet tax-xorb; taf għal min qed ngħid!"

"Imm' inti żgura minn dan?"

"Mhux talli żgura, imma żgurissima għax staqsejtha jien stess u qaltli li huma ilhom jafu 'l xulxin għax ġieli ħadmet fil-ħanut ta' missieru. Imma qalet li issa waqqfitu dak ix-xogħol."

Emily ħasset qalbha tieqaf għal din l-aħbar li qatt ma stennietha. Mur obsor għalih lil Johnnie! Tgħid turih li taf b'kollox? Imma, qabel kellha ċ-ċans li terġa' tarah, id-destin laħaq qabilha għax Johnnie miet mgħaffeg meta nqaleb it-trakk li kien qed isuq.

Għaddew ftit xhur meta Kunċett reġgħet sabet lil Emily. Din id-darba, l-aħbar kienet li Ruby kellha tarbija; tifel li semmietu Johnnie. Emily nkedded ftit imma, fl-istess ħin, irrealizzat ukoll li issa kien tard wisq biex toqgħod tinkwieta. Dik is-sena, 1941, l-attakki tal-Germaniżi kienu fl-aqwa tagħhom u, f'wieħed minn dawn l-attakki, niżlet bomba dirett fuq id-dar ta' Ruby, li qatt ma kienet tmur fix-xelter. Wara l-attakk, kif dejjem kien jiġri, ġriet l-aħbar li Ruby kilitha. Kien hemm min żied jgħid ukoll li, fl-aħħar, Alla laħaqha!"

Emily nħasdet. Qabdet lil binha u marret biex tara x'ġara sew. Hekk kien u kienet ser taqbad triqitha lura lejn darha meta semgħet l-għajjat tan-nies jistgħaġbu għax bdew jgħidu li t-tarbija sabuħa ħajja. Il-pulizija u tal-A.R.P. bdew jistaqsu min ser jieħu ħsieb dik it-tarbija u jrabbiha hu. Ħadd ma wieġeb sa ma Emily ferqet il-folla u qalet: "Inrabbiha jien!"

Fi triqithom lejn id-dar, Victor qal lil ommu: "Ma, żgur li l-Pa qed ibierkek mis-sema talli ser tieħu ħsieb tarbija li ma tafhiex. U, aktarx ibierkek ukoll missier din it-tarbija; xi tgħid, Ma?"

Mur għidlu lil Victor min kien missier dik it-tarbija!

# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**



**Sigmund Freud**

Sigmund Freud, newroloġista u fiżiku Awstrijak li oriġina l-idea tal-psikoanaliżi, twieled fi Freiberg, Moravia fl-Awstrija fl-1856. Il-familja ta' Freud, li kienet ta' oriġini Lhudija, emigrat lejn Vjenna meta Sigmund kien għad kellu erba' snin u, hemmhekk, huwa għex għal tmienja u sebgħin sena meta kellu jitlaq minħabba l-invażjoni Nażista.

Influwenzat mill-*essay* ta' Goethe *Die Natur*, Freud beda karriera medika. Fl-1873, iċ-ċirkustanzi wassluh biex jidħol fil-fakultà medika fl-Università ta' Vjenna minn fejn ħa l-M.D. fl-1881. Ir-riċerka ta' Freud kienet fuq is-sistema nervuża ċentrali u, għalhekk, Freud iddeċieda li jiddedika ħajtu għan-newroloġija. Għal ftit snin, Freud ħadem ġo klinika tat-tfal fejn iddistingwa ruħu meta sab forma ta' paraliżi li, wara, baqgħet magħrufa b'ismu; *Freudian paralysis*.

Fl-1864, Josef Breuer, kollega Vjenniż, ġibed l-attenzjoni ta' Freud għall-benefiċċju terapewtiku li rċieva pazjent tiegħu meta, fi stat ta' ipnożi, ftakar memorji koroh li kienu minsijin.

Fl-1885, Freud mar Pariġi biex jaħdem ma' J.M. Charcot imma ma rnexxilux jinteressah bl-importanza tal-osservazzjoni ta' Breuer. Meta mar lura Vjenna, Freud esperimenta bl-ipnożi sakemm, fl-aħħar, fl-1893, irnexxielu jipperswadi lil Josef Breuer jippubblika l-każ interessanti tiegħu. Fl-1895, Sigmund Freud u Josef Breuer ħarġu ktieb flimkien jismu *Studien Đber Hysterie*, studju li beda l-kunċett tal-psikoanaliżi.

Freud għamel is-sejbiet l-aktar importanti tiegħu bejn l-1890 u l-1900. Forsi l-aktar sejba oriġinali tiegħu hija li l-ħolm mhuwa xejn għajr rappreżentazzjonijiet trasvestiti ta' xewqat ripressi; biex ngħidu hekk, dak li ma tkunx kapaċi tagħmel, jew dak li ma tazzardax tagħmel, fir-realtà, tagħmlu fil-ħolm jew fl-immaġinazzjoni. Imma s-sejba l-aktar importanti ta' Freud kienet dik tas-subkonxju filwaqt li l-aktar sejba li xxukkjat l-opinjoni pubblika kienet dik dwar l-eżistenza ta' sesswalità infantili.

Fl-1902, Freud sar professur tat-Terapewtika tal-Mard Newrotiku u tan-Newroloġija fi Vjenna. Għall-ewwel, Freud ħadem waħdu għal bejn għaxra jew ħmistax-il sena. Imbagħad, fl-1906, Freud daħal sħab ma' Carl Jung, Eugene Bleuler u Alfred Adler. Ma' Adler u Jung ma qabilx sal-aħħar dwar kwestjoni tas-sesswalità. Barra dawn, ingħaqdu miegħu wkoll għadd dejjem jikber ta' studenti u kollegi minn diversi pajjiżi li ltaqgħu flimkien fl-ewwel Kungress Internazzjonali tal-Psikoanaliżi li sar fi Vjenna fl-1908.

Għal għoxrin jew tletin sena, ix-xogħol ta' Freud iltaqa' ma' oppożizzjoni qawwija, partikolarment, mill-professjoni medika, u l-attakki fuqu, ħafna drabi, kienu ta' xejra personali offensiva. Imma, fl-1910, twaqqfet l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Psikoanaliżi.

Fl-1936, għamluh *correspondence fellow* tar-*Royal Society*. Wara l-invażjoni Nażista tal-Awstrija fl-1938, Freud ħarab lejn Londra flimkien mal-familja tiegħu. Freud sofra minn kanċer tax-xedaq għal sittax-il sena u bih miet f'Londra fl-1939 fl-età ta' tlieta u tmenin sena. Huwa kellu tliet subien u tlitt ibniet li, waħda minnhom, Anna, ħadet il-professjoni ta' missierha.

Ix-xogħlijiet ta' Freud, li fihom insibu spjegat il-metodu tiegħu tal-psikoanaliżi, jinkludu *Delusion and Dream* u *The Interpretation of Dreams* tal-1900; *The Psychopathology of Everyday Life* tal-1901 u *Three Contributions to the Theory of Sex* tal-1905. Freud kiteb ukoll ktieb importanti fuq l-*aphasia*, jiġifieri, meta xi ħadd jitlef il-kliem minħabba ħsara fil-moħħ. Minkejja l-età, baqa' jaħdem, speċjalment bħala Direttur tal-*International Journal of Psychology*. Qabel miet fl-1939, Freud ippubblika l-ktieb *Moses and Monetheism* li, fih, huwa għamel speċi ta' psikoanaliżi tal-moviment antisemitiku.



**Sir Ronald Ross**

Ronald Ross, xjenzat u mediku Ingliż, twieled f'Almora, l-Indja, fl-1857. Studja l-mediċina fl-Iskola Medika tal-Isptar San Bartilmew ta' Londra u speċjalizza fil-mard tropikali. Fl-1881, ta' erba' u għoxrin sena, Ronald Ross daħal fis-Servizz Mediku Indjan fejn baqa' għal tmintax-il sena, jiġifieri sal-1899.

Sadattant, fl-1892, huwa beda sensiela ta' investigazzjonijiet dwar il-malarja. Dak iż-żmien, kienu jaħsbu li din il-marda tiġi mill-arja ħażina. Kien għalhekk li tawha l-isem malarja li, bit-Taljan, tfisser arja ħażina. Fl-1894, Sir Patrick Manson issuġġerixxa lil Ross li l-parassita tal-malarja tinġarr minn ċertu tip ta' nemus.

Fl-1895, permezz ta' esperimenti, Ross aċċerta ruħu li l-malarja veru tixtered permezz tan-nemusa, 'Anopheles'. Fil-fatt, l-akbar skoperta ta' Ross kienet li huwa sab iċ-ċiklu tal-ħajja tan-nemusa, 'Anopheles', li xxerred il-malarja. Bejn l-1897 u l-1898, Ross investiga l-istorja tal-parassita responsabbli għall-malarja.

Fl-1899, Ronald Ross irtira mis-Servizz Mediku Indjan u, wara vjaġġ fl-Afrika tal-Punent għal studju fuq in-nemus li jġorr il-malarja, huwa ddedika ħajtu għar-riċerka u t-tagħlim. Ingħaqad mal-iskola ta' Liverpool għall-mediċina tropikali bħala *lecturer* u, bejn l-1902 u l-1913, sar professur tal-mediċina tropikali fl-Università ta' Liverpool. Matul dan iż-żmien, Ross mexxa diversi espedizzjonijiet f'pajjiżi tropikali biex jistudjaw dwar il-malarja.

Fl-1901, Ross irċieva l-midalja tar-*Royal Society* li tagħha kien *fellow*. Fl-1902, rebaħ il-Premju Nobel għall-Mediċina talli kien sab iċ-ċiklu tal-ħajja tan-nemusa, 'Anopheles', li huwa responsabbli għat-tixrid tal-malarja. Fl-1911, Ronald Ross ingħata l-K.C.B. Imbagħad, fl-1912, sar tabib tal-mard tropikali *f'King's College Hospital* ta' Londra.

Matul l-Ewwel Gwerra, Ross kien maħtur R.A.M.C. u sar konsulent tal-*War Office* dwar il-malarja. Wara l-gwerra, huwa sar konsulent tal-malarja għall-Ministeru tal-Pensjonijiet. Fl-1918, Ronald Ross ingħata l-K.C.M.G.

Ir-Ross *Institute* ta' Putney f'Londra twaqqaf f'ġiħu fl-1926. Ir-Ross *Institute* kien maħluq mill-kollega ta' Ross, il-Professur Aldo Castellan, bl-għajnuna ta' Sir William Simpson, bħala tifkira għax-xogħol li wettaq Ross. Sir Ronald Ross għamel żmien bħala *Director-in-Chief* tar-Ross *Institute* kif ukoll tal-Isptar tal-Mard Tropikali. Barra minn hekk, Ross kien ukoll editur tas-*Science Progress*.

Xi pubblikazzjonijiet ta' Ross huma: *The Prevention of Malaria* u *Philosophies* tal-1910; *Psychologies* tal-1919; *The Revels of Orsera*, rumanz tal-1920; *Memoirs* tal-1923 kif ukoll xogħol matematiku u mediku.

Sir Ronald Ross miet fl-1932 fl-età ta' ħamsa u sebgħin sena.

---

# Imma tgħid jien biss?

**Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ**

Ilu jagħtini fastidju dan li ser nikteb dwaru llum imma, fl-aħħar, għamilt il-ħila u ddeċidejt li naqsam dan il-ħsieb magħkom u nara kif taħsbuha intom l-anzjani bħali u qarrejja ta' dan il-*magazine* tant popolari fostna.

Mela, jien, bħal forsi bosta minnkom, ngħaddi ħafna ħin nara t-*television* u, naturalment, l-iktar li nsegwi b'attenzjoni huma l-istazzjonijiet Maltin. Għadd ġmielu ta' programmi li l-iktar jinteressawni fuq dawn l-istazzjonijiet jikkonsistu jew fl-aħbarijiet jew inkella fi programmi ta' diskussjoni li, fihom, ikun hemm *panel* ta' kelliema jiddibattu fuq xi suġġett partikolari u inti tiftaħ widnejk beraħ u tibda tisma' l-oratrija ħierġa, imżewqa bi kliem xi ħaġa bħal dan li ġej:

*"Tidher perpless!"* jew "ħalla impetus!" Xi ħadd ieħor jiddakkar minn ta' qablu u jgħid: *"b'mod ekwu!"* jew *"b'mod ħolistiku!í* jew *"b'mod sottili!"* U dlonk kelliem ieħor jaqbel miegħu u jgħidlu li: *"M'hemmx paradoss!"* U jien nitlef l-erre u naqliblu fuq stazzjon ieħor.

Jitfaċċa xi ħadd jitmasħan u jwissi: *"Ejja ma nkunux pwerili!"* Fil-pront, xi ħadd iffastidjat jakkużah li: *"qed ikun impulsiv!"* jew li: *"qed ikun voċiferu!"* Ma nafx jien imma, għalija, din il-kelma, donnha għandha xi konnessjoni ma' ta' denbu twil, x'waħda din! Agħmel il-qrun! Nissokta nisma' u ma ndumx wisq biex nergħu koppi: *"Biex inkunu aktar tanġibbli"* jew *"għax aħna poplu reżiljenti"* u *"dawn ser jidħlu taħt il-formularju tal-gvern!"* Ċiss! Tarax? Baqgħalhomx fejn jidħlu issa wkoll?

Kliem ieħor li qed nisimgħu ta' spiss dan l-aħħar huma, *"bla preċedent"* u *"s-sovretendent tas-saħħa pubblika"* u *"nkunu kawti "* jew *"nużaw il-kawtela!"* U, min kien qed jitkellem qal, jiġifieri, ma ngħaġġlux; nimxu bil-mod. Għall-għerwieħ! Għall-inqas, xi ħadd indenja ruħu jgħidilna xi tfisser din u mhux kompla għaddej minn fuq l-inteliġenza tagħna qisu romblu! L-isbaħ tal-aħħar: *"herd immunity!"* ħasibna mtaten għandu jkun!

Komplejt insegwi *"n-narrattiva"* u *"l-perspettiva"* sakemm, fl-aħħar, wieħed sostna li nistgħu nagħmlu *"moratorju."* Issa jien ma nafx jekk din il-kelma għandhiex x'taqsam mal-mejtin. U le, x'jien ngħid? Dik krematorju! Insomma; oratorju, moratorju, krematorju; x'differenza hemm? Reġgħet qabżitli u dort għal stazzjon ieħor; preferebbilment, xi mkien fejn ma narax nies jitkellmu bil-maskra quddiem ħalqhom.

Għiduli intom! Għandi jew m'għandix raġun? Intom fhimtu xi ħaġa? Mhux li kien li xi ħadd minn dawk li jkunu qed iduru fi triq ir-Repubblika bil-kamera u jiġu jtemmgħulek il-microphone ma' ħalqek biex jistaqsuk xi ħaġa, jintervistaw in-nies bl-iskop li jaraw kemm minn dawn il-*"buzzwords"* ikunu jafu. Forsi naqta' l-kurżità u nsir naf jekk hux jiena biss l-unika waħda injoranta pessma.

Jekk *"inkunu kawti"* tfisser nimxu bil-mod u bil-għaqal u noqogħdu attenti, allura għax ma ngħidux hekk mill-ewwel, biex kulħadd jifhem? Intom, li tattendu l-Università tat-Tielet Età, qatt għamlulkom xi kors ta' *lectures* biex jispjegawlkom xi jfissru dawn it-termini strambi kollha?

Issa, li qlajt dan il-palptu mill-istonku tiegħi, intikom parir ma tiħdux għalija. Dak li għidt tridu tieħduh kollu b'niskata melħ. M'għandi ebda intenzjoni li noffendi lil xi ħadd. Sempliċiment kien hemm min webbilni biex nohloq tbissima. Għaldaqstant, jew titbissmu intom ukoll jew inkella sfugaw billi tgħidu: "U din kemm tiflaħ tkun injoranta? Mela qatt ma ħarġet minn Ħaż Żebbuġ?" Saħħa ħbieb.

# L-Ikel t'Ommi ma Nibdlu ma' Xejn

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Nistqarr magħkom ħbieb li l-ikel t'ommi ma nibdlu ma' xejn. Meta ngħid hekk, il-mara xejn ma tieħu pjaċir u bir-raġun għax hi wkoll issajjar tajjeb. Imma naħseb li hija tifhem li, meta nitkellem hekk, iktar għax inkun qed inħoss in-nostalġija ta' dak li kien. Niftakar fil-jiem meta konna żgħar, immorru niġru d-dar wara l-iskola u dritt għall-kċina, nifthu l-għotjien tal-borom u nnaqqru milli tkun sajret. Niftakar lil ommi taqli l-fenek nhar ta' Ħadd filgħodu u kulħadd ibill il-biċċiet tal-ħobż tit-taġen. Biċċa laħma żgħira fenek, maż-żebbuġa jew xi biċċa fwied minn tiegħu, imċappsin fil-*gravy* ma' biċċa ħobż friska tinżillek għasel. Kont nara lil ommi (Alla jaħfrilha) attenta għax, inkella, ma jkun fadlilha xejn għal nofsinhar! Insomma, xenarju mill-imgħoddi ta' żmien tfulitna u naħseb li, min qed jaqra, jiftakar ukoll fi ġrajjiet simili li għadda minnom hu; ftit ikun hemm varjazzjonijiet minn dak li qed nikteb jien bħala introduzzjoni. Żmien il-kċina Maltija tal-imgħoddi, aktar minn sittin sena ilu, kien żmien li niftakru sewwa. Il-ħaxix kien iktar abbundanti u, forsi, orħos ukoll għax ħafna kienu dawk il-familji bir-raba tagħhom u, allura, bilfors li l-bejgħ tal-ħaxix kien iktar abbundanti u rħis.

**Is-sopop**



Is-sopop kienu jkunu ppreżentati b'mod l-aktar naturali. Niftakar il-minestra tal-ħaxix, bil-pastarda u l-kaboċċa jridu jtiru bil-freskezza tagħhom. Ommi kienet iżżid xi ħaġa li kienet tagħmel it-togħma tal-minestra unika (għall-inqas, fl-opinjoni tiegħi). Niftakar ukoll il-kawlata li ftit kont nara differenza bejnha u bejn il-minestra tal-ħaxix imma, ħej, b'dak ix-xikel tal-majjal u biz-zalzett tal-Malti, kienet tagħmilha unika. Lil ommi, kont nismagħha tgħid mal-ġirien li, mal-minestra, kienet titfa' dik id-daqsxejn ta' ... (imma ma niftakarx x'kienet tgħid li hi) biex it-tfal jikluha, kienet tgħid. U tgħidx kif konna nilagħquha! Min jaf x'kienet titfgħalha?
U xi tgħidli għas-soppa tal-kirxa? Mamma tiegħi! Soppa kollha ħaxix mimlija biċċiet tal-kirxa li nkun naddaftielha jien stess. Illum, qajla għadek tara l-kirxa ta' żmieni, varjata; xugamani u interjuri oħra ikkuluriti. Kemm kienet tagħmel soppa tal-kirxa tajba ommi! U anki s-soppa tal-armla kienet tħobb tagħmel, bil-ġbejniet friski, bil-ful imqaxxar jgħum f'wiċċ il-platt, idur mal-piżelli, bil-biċċiet tal-basal u xi biċċiet tal-bajd imqatta' u maħlul!



**L-aljotta**

Niftakar l-aljotta, aktarx nhar ta' Ġimgħa (u anki l-Erbgħa) meta ommi kienet issajjar il-ħut; ħut frisk li kien jinxtamm mill-bieb ta' barra. Mal-aljotta, minn qasrija li kellha fil-bitħa, ommi kienet titfa' ftit nagħniegħ frisk mhux ħażin. Ngħidilkom is-sewwa, dik it-togħma tan-nagħniegħ kienet tibdel il-palat għal kollox. L-istuffat aħmar aħmar tal-majjal u z-zalzett ta' Malta, jew xi platt għaġin jaqsam bir-riħa ta' zalza mħawra tajjeb, ukoll kienu jsibu posthom fuq il-mejda tal-ikel t'ommi. Imma, tgħiduli xejn, il-mazzit moqli roti roti, kif kienet tagħmlu ommi, bil-bajda ma' ftit patata moqlija, għadu jqanqalli l-garigori ta' moħħi sal-lum stess.
Bħala zlazi, ommi kienet tagħmel ħafna varjetajiet; zalza tat-tadam, zalza pikkanti, zalza għall-ispagetti, zalza tal-inċova u t-tonn taż-żejt, insomma, dejjem tesperimenta għax kienet dilettanta sew tal-kċina u tat-tisjir. Il-pitazz tar-riċetti tal-ikel tagħha, mimli riċetti miktubin bil-lapes, imqatta' u kollu tbajja', kien dejjem jiġri minn kexxun għall-ieħor.
Xi tiġieġa kultant ukoll ma kinitx tonqos. Jien aktar kont nieħu pjaċir nixrob il-brodu magħqud tagħha. Kont nippreferih aktar mil-laħam tat-tiġieġa stess. Ommi kienet tagħmlu tajjeb wisq il-brodu! Karfusa u tursina mqattgħin kienu jibdlu t-togħma tiegħu. Mal-brodu tat-tiġieġa, ommi kienet iżżid l-interjuri mnaddfin tajjeb bil-melħ oħxon u, magħhom, kienet iżżid ukoll il-bajd isfar isfar li kienet issib f'żaqq it-tiġieġa.

**Il-laħam tat-tiġieġa**



Ngħidilkom is-sewwa, il-laħam tat-tiġieġa kien idejjaqni għax kont ngħid li kien qisu ħjut. Ommi kienet tippreżentali l-koxxa; waħda lili, bħala t-tifel il-kbir tal-familja u l-oħra għal missieri (Alla jaħfirlu wkoll). Il-koxxa kont nikolha għax dik ma jkunx fiha ħjut! Il-laħam tagħha aktar tari u għadni sal-lum li, mit-tiġieġa kollha, il-koxxa biss nieħu.
Fi żmien it-tadam, ommi kienet tagħmel il-balbuljata. Flimkien mat-tadam, kienet tagħmel basla mqatta' rqiq, ġobon maħkuk, bżar u melħ għat-togħma u bajda friska mħabbta. Fi żmien il-qaqoċċ, imbagħad, kienet timlieh bit-tursin imqatta', frak tal-ħobż, inċova mqattgħa, tewm, żebbuġ u ma nafx x'aktar. B'waħda kull wieħed konna nixbgħu. Niftakar sew li, magħha, kont nieħu kisra ħobż għadha ħierġa mill-forn, mimlija kunserva, ġardiniera tal-kwart u tonn taż-żejt. Mamma tiegħi; kienet tinżel għasel! Kemm nixtieq nerġa' nsib dik it-togħma! Donnha li ommi kienet tagħmel il-mirakli għax, bix-xejn, kienet taf tagħmel ikel abbundanti u li għandu palat tajjeb. Wara kollox, konna familja ta' tmienja u kollha fl-aqwa tagħna u konna nieklu kulma naraw. Darba, minn taħt l-ilsien, lil ommi smajtha tgħid: "It-tfal tiegħi għad jieklu lili;

x'waħda din!"
U x'tgħiduli għall-bigilla sħuna biż-żejt? Jew għal ikla bebbux bl-aljoli jew biz-zalza jew fil-forn? Jew, inkella, għal dak id-dixx patata l-forn bil-majjal u dik it-timpana kollha kapuljat u rkotta (jew ġbejniet) bl-għaġina fil-wiċċ? Fil-wiċċ tat-torta, fin-nofs, ommi kienet tagħmel qagħqa ċkejkna tal-għaġina ħalli d-dixx jingħaraf li huwa tagħna meta joħroġ mill-forn.



**L-ikel mill-forn ta' ħdejna**

Kienet l-għaxqa tiegħi immur inġib l-ikel mill-forn ta' ħdejna li kien jaħmi għall-parruċċani tiegħu nhar ta' Ħadd filgħodu. Kien il-gost tiegħi nara xi jkun sajjar ħaddieħor u mhux darba jew tnejn għajni kienet tintilef fuq l-ikel tal-oħrajn u tiegħi ninsieh u ninsa li, fil-but, kelli landa żgħira bin-numru li, pariġġu, kien ikun mad-dixx tagħna. X'waħda din; ir-riħa tal-ikel ħiereġ mill-forn kienet taqsamli qalbi! Sewwa jgħidu li tal-ġara aktar ifuħ!
Il-qarabagħli u l-brunġiel il-forn jew xi dixx ross il-forn jew xi serduq, jew ħasi, imbaskat bl-għadam ta' riġlejh ippuntati 'l fuq, jew xi torta tal-ġbejniet; kienu jmissuli qalbi u nara kollox idur bija!
U l-pudina tal-ħobż? Kemm kienet tkun tajba! Anki meta tiksaħ! Għadni niftakar lil ommi ġġemma' l-biċċiet tal-ħobż f'basket ħalli, meta tara li għandha biżżejjed, tagħmlilna pudina u ngħidilkom li din kienet tkun imħawra sewwa. Ommi kienet tħobb titfagħlha ċerti togħmiet biex taqta' t-togħma tal-ħobż u, ngħidilkom is-sewwa, għadni sal-lum ma nafx x'kienet titfa'.

**Il-ftira sħuna**



Niftakar fil-ftira mħawra li kienet tagħmel ommi. Ara dik ma nsejthiex u, meta t-tifla tiegħi, Gabriella (illum miżżewġa bit-tfal) titlobni nagħmlilhom ftira, malajr niftakar fl-ingredjenti li kienet titfa' ommi, bil-fażola kbira mxarrba minn xi jumejn qabel b'kollox.
Ommi dejjem kienet issib il-ħin biex, minn fuq ir-*Rediffusion,* tisma' xi riċetta li kienet tagħti Carmen Carbonaro. Kont naraha tieħu n-notamenti kif kienet taf hi u tipprova tagħmilha. Darba, minn riċetta ta' Carmen Carbonaro, għamlet il-biskuttini tal-lewż morr. Għosfru f'minuta; kulħadd jieħu waħda nkiss inkiss u, meta missieri ġie lura mix-xogħol, ma sab xejn għal mat-te. Dakinhar, missieri tbissem u qal lil ommi, "Mela ġew tajbin, Marija; la spiċċaw hekk malajr!" Anki l-biskuttini tar-raħal, b'dik it-togħma unika tagħhom, kienet tagħmlilna. Naħseb li kienet iżżid xi qatra aniżett, għax l-aniżett kienet tħobbu ommi, u anki jien ukoll! Mhux darba jew tnejn kont illegleg inkiss inkiss xi nofs grokk imma kont ninqabad għax l-aniżett ta' dari kien magħqud u grass u kien iħoll il-qlub. Ħaż-Żebbuġ konna magħrufin għall-aniżett tajjeb; bħalma konna magħrufin għall-qubbajt tal-festa wkoll.

**Ħelu staġjonali**



Niftakar il-kwareżimal fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira (li ommi kienet taħbi f'xi landa tal-ħelu) jew il-kejk tal-Milied kollu konfettura jew il-figolli tal-Għid mimlijin lewż u mżejnin a la ommi. Kien ħelu staġjonali li konna nistennew minn sena għal oħra. Niftakar lil ommi dejjem taħbi f'xi landa tal-ħelu fid-*dresser* jew fl-armarju għax, inkella, vigu vigu; kulħadd inaqqar u, meta tfittex, ma ssib xejn.
U xi ngħidu għar-ravjul kbir mimli ġbejniet friski bit-tursin imqattgħa rqiq; jew it-torta tal-lampuki; it-torta tal-ispinaċi bil-qargħa ħamra; jew il-pastizzotti; jew ikla bakkaljaw biż-żejt u ż-żebbuġ kif kienet tagħmlu ommi? Ma ninsihom qatt u naħseb li t-togħmiet tagħhom jinżlu miegħi, ossija nġorrhom miegħi, lejn l-eternità.

# Jien Palestinjan

## Anthony Borg   14/05/21



Ħaddtuli arti,
żeblaħtuni,
keċċejtuni.

X'jonqos tagħmluli?

Nibqa' ngħajjat
għal uliedi l-Palestini
mġarrfin,
bla tama li jiġu meħlusin!

# Sammiżun, dari u llum

**Kitba ta' Victor Cilia, anzjan f'Casa Antonia, Ħal Balzan**





Dik id-daħla baħar f'Tal-Pietà li taqbad mat-triq 'il fuq lejn il-Bieb tal-Bombi baqgħet magħrufa mal-popolin bħala Sammiżun. Din hija kelma mkissra ta' *Sa Maison* li, bil-Franċiż, tfisser "id-dar tiegħu". Il-ġeneral Franċiż *Vaubois* kien jgħammar f'dawk l-inħawi tul il-ħakma Franċiża f'Malta bejn is-sena 1798 u l-1800.

Meta tikber fiż-żmien u ssib ruħek waħdek għall-kwiet, moħħok dlonk ifakkrek f'xi ġrajja li tkun għaddejt minnha fl-imgħoddi. Hekk ġrali jien meta, ftit ilu, kont qed naħseb dwar meta kont għadni daqsxejn ta' tifel. Il-memorja fakkritni dwar kemm kont inħobb inċafċaf fil-baħar kalm ta' Sammiżun!

Il-familja li trabbejt fiha dejjem kienet tgħammar fl-inħawi tal-Ħamrun u l-Marsa, fix-xaqliba ta' Blata l-Bajda. Niftakar ħafna nies li, fix-xhur sħan tas-sajf, kienu jfittxu l-iżvog tagħhom fil-baħar ta' Sammiżun; l-aktar minn waranofsinhar sa filgħaxija, speċjalment fil-ħdud. U anki xi sajjieda tal-qasba kienu jidhru hemm ukoll.

Sal-bidu tas-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor, il-familja tagħna diġà kellha ħames ulied u l-ġenituri tagħna, bir-raġun, kellhom biċċa xogħol iebsa bit-trobbija ta' dawn iż-żgħar kollha. Terġa' u tgħid, id-dar tagħna kienet ċkejkna wisq u nieqsa mill-kumditajiet kollha. Fl-istess ħin, kienet ukoll il-post tax-xogħol ta' missieri li kellu l-makkinarju għall-manifattura tax-*sugar-drops*. Sa t-tabella bil-kelmiet *Candy Factory* kellu mwaħħla mal-velestrun tal-bieb tad-dar. Frattant, f'dawk iċ-ċirkustanzi diffiċli, hu u ommi stinkaw flimkien bi tbatija kbira u anki, xi drabi, b'sogru għal saħħithom stess!

It-Tieni Gwerra Dinjija kienet diġà bdiet f'xi pajjiżi tal-Ewropa. Kien żmien ikraħ ta' għaks u faqar kbir. Ma kont issib tixtri xejn! Il-ħobż, l-għaġin u z-zokkor kif ukoll id-drapp għall-ilbiesi, kienu bir-razzjon. Qatt ma kont tingħata kemm tassew teħtieġ! It-tallaba kont tarahom ta' kuljum iħabbtu l-bibien għal xi loqma ħobż! an beda jkollu effett ħażin fuq is-saħħa tan-nies. Aħna t-tfal ġisimna beda jimtela' bir-raxx u b'ħafna ponot irqaq. Bosta drabi, effett tan-nuqqas ta' nutrimenti, konna nħossuna mhux f'sikkitna.

U, allura, bħala tfal, konna dejjem imxennqin biex noħorġu barra għall-arja flok nibqgħu maqfulin ġewwa. U x'hemm isbaħ mill-beraħ u l-arja friska tal-baħar? Imma fejn? Għal xi żmien, ma setgħux iġorruna 'l bogħod u t-traffiku kien ftit u mhux spiss. Imma bil-mixi malajr konna naslu sa Sammiżun! Il-post kien ideali għalina u għal ħafna nies oħrajn ta' dawk l-inħawi.

Dak iż-żmien, għal Sammiżun konna ninżlu u niksru 'l isfel maċ-ċimiterju ta' Braxia u malajr insibu ruħna qrib id-daħla wiesgħa u miftuħa tal-baħar. L-ilma jitla' u jinżel ħelu ħelu mat-triq, skont ir-riħ. Ħemda perfetta kienet tirrenja mal-inħawi kollha. Xi drabi, wieħed seta' josserva xi żewġ karrettuni kbar, li kienu jġorru l-ġebel, żarmati mal-ġenb tat-triq. Iż-żwiemel tagħhom qegħdin fil-baħar, biex jiffriskaw ftit, b'rashom 'il fuq mill-ilma u miżmumin bir-riedni f'idejn sidhom. Faċċata tal-bajja, wieħed kien jilmaħ gabbana tonda, b'raġel ibigħ ir-ruġġata tal-lewż morr, il-granita tal-lumi inkella sempliċiment xi tazza ilma friska li stajt tixtri b'sold.

Aħna, flimkien ma' ħafna oħrajn, konna nfittxu post fit-triq 'l hemm mill-binja aktarx ċatta u rettangolari li għandha l-arkati fuq l-erba' naħat tagħha. Mibnija fuq ix-xatt, dik kienet il-kamra fejn kienu jżommu d-dgħajjes. Kienu jittellgħuhom mill-baħar jew għat-tindif u ż-żebgħa jew għal xi tiswijiet meħtieġa. Sammiżun kien ħarġa sabiħa għall-familji b'ħafna tfal għax dawn jiġġennu għall-baħar. U t-tfal malajr jagħmlu ħbieb, jilagħbu flimkien u, bl-entużjażmu tagħhom, iżidu mas-sbuħija ta' dak l-ambjent.

Fuq il-lemin tat-triq, baqa' bħal dejjem, ħotba ta' art mimlija siġar; masġar li jwassal 'il fuq sa qrib il-Bieb tal-Bombi. Wara li nitilgħu il-ħajt baxx u mħarbat tas-sejjieħ, ommi kienet tifrex biċċa liżar qadim fuq roqgħa ħaxix nadif u hemm insorġu lkoll madwarha, faċċata tal-baħar. Dik ix-xaqliba kienet aktarx riservata għan-nisa bit-tfal. L-irġiel u l-ġuvintur kienu jinġabru għalihom aktar 'il ġewwa tat-triq; jaqbżu t-telgħa wieqfa li tagħti għall-Furjana u jpoġġu għall-kenn mall-ħajt tas-sur li jagħti għall-Ġnien tal-Milorda.

Il-moll tal-baħar kien aktarx baxx u missieri kien jara x'jivvinta biex lilna t-tfal inizżilna fl-ilma. Laħaq iddobba biċtejn sufri żgħar u ċatti, ommi ksiethom bid-drapp, ħitithom ma' xulxin u għamlet speċi ta' korp li beda jintlibes ma' sidirna fuq il-ħwejjeġ ta' taħt u konna ninżlu fl-ilma bihom. Imma dan ma kienx iżommna għalkollox fil-wiċċ avolja konna ħfief u ma fina xejn! Għalhekk, akkwista wkoll biċċa rumnell, rabtu ma' daharna u, bi drieghu maħruġ 'il barra, kien joqgħod iżommna mdendlin fl-ilma. Kien iħajjarna naqdfu u nħaddmu riġlejna imma, ta' tfal li konna, ma stajniex nagħmlu wisq. L-aqwa li konna nixxarrbu u nċafċfu! Arana nifirħu meta jirnexxilna naqilgħu minn mall-moll xi troffa żgħira ħaxix li tkun kibret taħt wiċċ l-ilma. Imbagħad, erħilna nsoffuha u nieħdu gost b'dik it-togħma mielħa u friska tal-baħar!

Fl-ilma ma konniex indumu wisq. Malli missierna jinduna li xofftejna bdew jiddendlu u jsiru vjola u snienna jibdew iċekċku, pront itellgħana 'l fuq. U, intertru bil-bard, dritt jibgħatna ħdejn ommi li kienet tneżżana, tixxuttana u tlibbisna ħwejjiġna. Anki titfa' xi ħaġa fuq spallejna biex nitgeddsu fiha. Ommi kienet tgħid li l-baħar ifejjaq; id-dbabar ħomor li kien ikollna ma' ġisimna kienu jisparixxu u, fi tliet ijiem, il-ponot kienu jinxfu. Mhux biss imma l-baħar jiftaħlek l-aptit ukoll. Konna nistennew bil-ħerqa dik il-biċċa ħobż biż-żejt u l-kunserva, inkella midluka bix-xaħam u ftit *spice* fuqha. Imbagħad, ma tonqosx dik id-daqsxejn kafe' sħuna mit-termos. U lkoll nitbissmu lejn xulxin għax il-ħarġa tagħna kienet kompluta. Imsejknin li aħna, konna nġarrbu l-faqar u l-għaks ta' dak iż-żmien ikrah bla ma nindunaw!

Illum, meta għaddew 'il fuq minn tmenin sena, mill-Blata l-Bajda, fettilli ngħaddi minn quddiem l-iskola tas-sorijiet ta' *St Joseph* u nibqa' nieżel 'l isfel lejn il-knisja antika tad-Duluri, Tal-Pietà li, għaliha, huma msemmijin dawk l-inħawi. Ftit passi oħra u dlonk sibt ruħi ma' dik id-dawra baħar ta' Sammiżun. Imma x'differenza minn żmien tfuliti!

Triq Marina, it-triq prinċipali li tieħu lejn l-Imsida, twessgħet iktar mid-doppju ta' li kienet qabel. Id-daħla tal-bajja qsaret ferm u, flokha, inbniet *roundabout* kbira u tawwalija bi ġnien u siġar għoljin u, taħthom, gabbana bl-imwejjed u s-siġġijiet fejn wieħed jista' jiltaqa' filgħaxijiet. Mad-dawra kollha tal-baħar, inbnew mollijiet ġodda, anki bl-arbuxelli magħhom ħalli jsebbħu l-ambjent. U l-baħar kollu ta' Pietà *Creek*, fejn kien hemm it-*Torpedo Depot* u fejn kien jitrakka l-*Fort Dequesne*, *supply ship* tal-Ingliżi, imtela' bil-jottijiet u b'inġenji oħra tal-baħar. Sa ftit snin ilu, quddiem is-sur, fil-post imsejjaħ Xatt it-Tiben, kien jitrakka wkoll il-vapur t'Għawdex għall-ġarr u l-ħatt tal-merkanzija. Għalhekk, kif wieħed jista' jobsor, illum il-baħar ta' Sammiżun ma baqax dak il-baħar nadif ta' dari!

Sammiżun jinsab fil-fond ta' bejn l-għolja kollha bini ta' Gwardamanġa u s-swar tal-Furjana. Imma baqa' milħuq ħafna mix-xemx ta' filgħodu u, għalhekk, joffri xenarju mill-isbaħ ta' kummerċ marittimu skont kif jitolbu ż-żminijiet. It-traffiku li jgħaddi minn hemm, lejn jew mill-Belt Valletta, ma jaqta' xejn. Fortunatament, il-lokal huwa miżgħud b'ħafna siġar kbar li jsebbħu l-post u jgħinu biex isaffu l-arja.

Veru li Sammiżun tal-lum m'għadux dak li kien qabel. Kollox juri t-taqlib taż-żminijiet; frott il-progress! Madankollu, dik il-kamra kbira tad-dgħajjes, bl-arkati fuq kull naħa, ma ntmessitx u għadha hemm sal-lum. L-istruttura ta' barra għadha l-istess kif kienet għalkemm inbidlet f'*restaurant* modern. Meta nħares mill-bogħod lejn din il-binja antika u naraha wieqfa hemm waħedha fuq id-daħla tal-baħar, nistħajjilha bħal għassiesa qalbenija li rnexxielha tibqa' tgħasses lil Sammiżun tul iż-żminijiet. Għassiesa qalbenija li tosserva l-ġrajjiet u t-tibdiliet kollha li seħħew madwarha. Wieħed jittama li, ta' binja storika li hi, tibqa' tkun imħarsa u rispettata għax hija mafkar dejjiemi tal-lokalità sabiħa ta' Sammiżun għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena.

## Jiem Sajfija

**Poeżija ta' Anġelo Camilleri**
**li joqgħod l-Ingilterra**

Tisreġ ix-xemx ħassejtha matulek jiem sajfija
meta nistkenn kont nidħol għad-dell, taħt il-bajtrija.
U hemm, mal-weraq niexef, mixħut mal-art għajjien,
kont noqgħod, kollni mħeddel, fis-skiet, waħdi, ħosbien.

Waqt illi ħarsti nixref fl-għelieqi mal-mogħdija
tfittex għalxejn il-ħdura ma' kull rokna dellija
u l-għanja twila, imkaxkra taż-żrażar fil-ħarruba
tikser kemxejn il-ħemda, bħall-krib ta' ruħ mixruba.

Waqt li t-tħaxwixa dgħajfa taż-żiffa fix-xejn mietet
u kalma kbira waqgħet mas-siġar u l-irziezet
tisreġ ix-xemx bla ħniena ħassejtha f'jiem sajfija
kull xħin għad-dell kont nidħol nistkenn taħt il-bajtrija.



# TISLIBA Nru.104

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Għasfur ta' għana msejjaħ ukoll Ċikkudidju (6)
5. Meħlus mill-pressjoni/dwejjaq (6)
10. Tar bil-maqlub! (3)
12. ... Hitler (Dittatur Ġermaniż (5)
14. Isem ta' tim tal-futbol taljan (5)
15. Spazjużi; Massiv (4)
16. Nazzjonijiet Uniti (1.1.)
17. Is-somma kollha (5)
19. Pass bejn bil-mod u galo?? (5)
22. Kupjatur; Għajjieb (8)
24. Dun ... li mexxa s-sależjan wara l-mewt ta' S. Gwann Bosco (3)
25. Erba' għall-erba' darbiet (6)
28. Vagun li jimxi fuq il-linji bl-elettriku (5)
31. Jiġi kuntatt ma' xi ħaġa (5)
33. Mhux bjondija (7)
35. Għajjat bħas-serduq (5)
37. Telaq qajl qajl u naqqas nota mużikali (2)
38. Isem ta' bniedem maskili (6)
39. Imur kontra r-regola għax hekk iħobb (5)

**Weqfin:**
2. Warrab; Bewweġ; Dabbar rasu minn (5)
3. ittri li ssib fuq kurċifiss (4)
4. Lezzjonarji funzjonijiet reliġjużi (7)
6. Il-prodott ta' siġar; Xtieli li jittieklu (5)
7. Ttieħed 'il fuq jew tressaq il-qorti (6)
8. Istruwit; Mgħallem (6)
9. Nobbli ftit inqas minn konti (6)
11. Anne mqassra (3)
13. Dokument, invojs (7)
18. Pajjiż; Nazzjon; Aspett; Forma (4)
20. Bidu; Nisel; Ras il-għajn (7)
21. Frott iswed (3)
23. Iħobb aktar lil ħaddieħor minnu nnifsu (9)
26. Xitan mara (6)
27. Inkurlar; Tmasħin (6)
29. Sware'; serata kmieni wara nofs inhar (6)
30. Ikkarezza; Melles żejjed (6)
32. Proprjetarju; Padrun (3)
34. Skansa; Sab skuża (5)
36. Ħoss li jarġa' jinstema' lura (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 103 ntrebħet mis-Sinjura R. Scicluna, Cospicua **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 103**
**Mimdudin: 1** allura, **5** tabakk, **10** nil, **12** kjass, **14** arani, **15** innu, **16** ar, **17** omoni, **19** indri, **22** anarkija, **24** bit, **25** fattar, **28** sewda, **31** smida, **33** dbielet, **35** astut, **37** ra, **38** titani u **39** pinna.

**Weqfin: 2** lemin, **3** uran, **4** allarma, **6** amato, **7** kantina, **8** ħanini, **9** skidja, **11** ira, **13** skorja, **18** fitt, **20** dbatija, **21** rit, **23** kastigati, **26** rarita, **27** medjan, **29** atturi, **30** ħsarat, **32** att, **34** latin u **36** uri.





# L-Anzjani fil-Bibbja

## Kitba ta' Anthony Mule' Stagno

**San Pietru**

Irrid nistqarr magħkom li dan hu l-personaġġ favorit tiegħi fl-Evanġelji. Narah bħala l-aktar wieħed uman. Wera ħafna tratti jew difetti umani; il-mistħija, il-biża', ir-rabja u, forsi l-aktar waħda li tispikka, il-prużunzjoni. Ftit li xejn nafu fuq il-ħajja anzjana tiegħu. Aktarx li l-aħħar ftit snin ta' ħajtu għaddihom Ruma fejn, flimkien ma' San Pawl, saħħaħ il-Knisja t'hemmhekk, spiċċa l-ħabs u, saħansitra, anki maqtul fi żmien il-persekuzzjoni ta' Neruni.

Għall-kuntrarju ta' kif jaħsbu bosta, Pietru u Pawlu ma waqqfux il-Knisja ta' Ruma għax, meta marru hemm, din kienet diġà teżisti. Xhieda ta' dan hija l-ittra ta' San Pawl lir-Rumani li kitibha qabel rifes l-art ta' Ruma u li, fiha, darbtejn jgħid li jixtieq iżurhom.

San Pietru nsibuh imsemmi kemm fl-Evanġelji kif ukoll fl-Atti tal-Appostli. Imma, bejn dawn it-tnejn, insibu bidla fil-karattru ta' dan il-qaddis; minn bniedem b'ħemel difetti fl-Evanġelji għal mexxej ta' karattru sod u li jaf xi jrid u fejn sejjer fl-Atti.

Fl-Evanġelji, xi drabi, insibuh dgħajjef u beżgħan u xi drabi kuraġġuż imma dejjem ftit jew wisq prużuntuż. Id-dgħufija tiegħu narawha meta, fl-Ort tal-Ġetzemani, flimkien ma' Ġakbu u Ġwanni, raqad waqt li Ġesù kien qed jitlob. Imma forsi l-akbar djgħufija tiegħu narawha meta ċaħad lil Kristu u ħarab waqt il-Passjoni; għad li, wara, kellu l-kuraġġ jerġa' lura u jkompli fejn ħalla. Il-kuraġġ urih ukoll meta, fl-Ort tal-Ġetzemani, silet is-sejf u kien lest jiġġieled biex jiddefendi lil Ġesù.Il-prużunzjoni tiegħu nsibuha meta, fit-transfigurazzjoni, ried jibni tliet għarejjex; wieħed għal Ġesù, wieħed għal Mosè u wieħed għal Elija, kif ukoll meta qal lil Ġesù li, jekk jitħawwad kulħadd, hu żgur li ma jitħawwadx u dan ftit sigħat biss qabel ċaħdu. Fil-passaġġ meta Kristu mexa fuq il-baħar, naraw sensiela ta' emozzjonijiet, ibda mill-biża' meta, biex inkunu preċiżi, l-Appostli kolllha twerwru, mhux Pietru biss, imbagħad il-prużunzjoni meta ried jimxi fuq il-baħar bħal Ġesù, u terġa' l-biża' meta ra l-mewġ qawwi u, fl-aħħar, il-fiduċja f'Ġesù meta sejjaħlu biex isalvah.

Fl-Atti tal-Appostli, insibu bidla bħal-lejl minn nhar. Insibuh meta l-Appostli kienu għadhom beżgħanin u moħbijin f'dar f'Ġerusalemm meta Pietru qam f'nofshom u ħa l-inizzjattiva biex jagħżlu s-sostitut ta' Ġuda l-Iskarjota.



Wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu, imtlew ilkoll bil-kuraġġ imma, lil San Pietru, insibuh fuq ta' quddiem fil-qawwa li wriha anki permezz tal-mirakli. Fejjaq il-magħtub ħdejn il-bieb tat-Tempju, lil Enea li kien ilu mifluġ tmien snin u, saħansitra, qajjem lil Tabita milll-mewt. Seħet lil Ananija u lil martu Safira għax ħbew xi flus biex ma jaqsmuhomx ma' sħabhom l-insara u dawn mietu dak il-ħin. Seħet ukoll lil Xmun is-saħħar għax ried jixtri d-doni tal-Ispirtu s-Santu. Minn dan l-episodju, għandna il-kelma "simonija".

Għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu ħafna, ma' kienx San Pawl l-ewwel wieħed li kkonverta l-pagani imma San Pietru meta kkonverta u għammed lil Kornelju ċ-Ċenturjun u ġemgħa pagani li nġabru jisimgħuh. Kien arrestat kemm-il darba u anki mitfugħ il-ħabs minn Erodi minn fejn inħeles minn anġlu.

Reġa' ra l-ħabs ġo Ruma fejn kien għal xi żmien flimkien ma' San Pawl fil-ħabs Mamertin. Dan l-aktar ħabs antik ta' Ruma kien mibdul fi knisja fis-sena 314 u hemm insibu wkoll fonti tal-ilma li, skont it-tradizzjoni, kienet tintuża biex jitgħammdu l-priġunieri u l-karzrati li kienu konvertiti mill-Appostli.

Hemm ħafna leġġendi u tradizzjonijiet madwar l-aħħar snin ta' Pietru f'Ruma. Forsi l-aktar waħda famuża hija dik tal-"Quo Vadis". Skont din il-leġġenda, Pietru ħarab minn Ruma waqt il-persekuzzjoni ta' Neruni. Imma, fit-triq, iltaqa' ma' Ġesù sejjer lejn Ruma. "Fejn sejjer Mulej?" staqsieh li, bil-Latin, tiġi; "Quo vadis Domine?". "Sejjer nerġa mmut minn flokok", wieġbu Ġesù. San Pietru fehem x'kien mitlub minnu u reġa' lura Ruma. Għad li din hija leġġenda, jibqa' l-fatt li, fuq il-post fejn suppost iltaqgħu, sal-lum stess, għad hemm kappella li ġġib dan l-isem.

San Pietru miet fil-persekuzzjoni ta' Neruni bejn is-sena 64 u 68 meta kellu bejn 62 u 67 sena. Skont it-tradizzjoni, fuq talba tiegħu stess, huwa miet imsallab rasu l-isfel għax ma ħassx li kien dehen imut l-istess bħal Ġesù. Fuq il-post fejn indifen, kienet mibnija bażilika mill-Imperatur Kostantinu li, wara ħafna snin, ġarrbet ħsarat u, minflokha, inbniet il-Bażilika maestuża ta' San Pietru li hemm illum u li, forsi, hija l-aktar bażilika magħrufa fil-Kristjaneżmu kollu.

# Graffiti

**Kitba ta' Joseph Muscat mill-Fgura**

Għal darba, ma tantx kelli x`nagħmel u, allura, fettilli ninżel sal-Ġnien tal-Kurunell. Kont ilni iktar minn xahar ma nidħol hemm. Għalkemm, qagħdt bilqiegħda, ma  ftaħtx il-gazzetta. X'jista' jkun hemm ġdid? Mhux dejjem l-istess? L-istess aħbarijiet, l-istess ġrajjiet u l-istess rutina; dejjem l-istess! Donnu qatt ma jinbidel xejn.

Dawwart wiċċi lura u lmaħt it-tinqix fuq iż-żebgħa ħadra mad-daħar tal-bank fejn kont qiegħed. Qalb, flimkien mal-isem ta' żewġ maħbubin: Rita u John, tliet bewsiet żgħar forma ta' salib u s-soltu affermazzjoni: 'Għal dejjem!'. Ma kinitx ilha hemm għax id-data kienet it-12 ta` Frar 2020. Kieku sewwa kieku l-maħbubin jibqgħu jinħabbu; jekk mhux għal dejjem, imqar tul ħajjithom. U din mhix kontradizzjoni. Ftit jirrealizzaw li, wara ħajjitna, iż-żmien jibqa'; id-dinja tibqa' ddur fuqha nnifisha u madwar ix-xemx u l-ħajja tkompli, għal min ikun għadu hawn.

Imbagħad ftaħt il-gazzetta u għamilt nofsiegħa naqra. Għalaqt il-gażżetta, twejtha pulit u tfajtha fil-*litter-bin* li kien hemm warajja. Qomt  u mattart saqajja li kienu kważi raqduli.  Meta ġejt f'tiegħi, imxejt minn taħt is-siġar folti u għoljin tal-prinjol. Taħt  iż-żarbun, stajt nisma' ċ-ċaqċiq tal-frott niexef li jaqa' mill-frieghi tagħhom. Il-prinjol kienu qed jitfgħu dell bellusi tul il-passaġġ kollu tal-ġnien; dellijiet skuri li jħajruk tibqa' għall-kenn tagħhom iktar fit-tul. Waqaft u, għalkemm ma kontx għejjien, straħt ma' ċint bil-balavostri tondi tondi, bħal mara snella lesta għaż-żfin meta tkun mistiedna minn xi ħadd. Fuq iċ-ċint, kien hemm irħama lewn it-te bil-ħalib. Għajnejja waqgħu fuq l-ittri tar-ramm li kien hemm fuq dik l-irħama. Kien għadda ż-żmien minn fuqhom għax ma kinux għadhom lewn id-deheb, kif darba kienu. Ir-ramm kien ilu li nkesa b'lega ta' firdirramm. L-irħama kienet tgħid hekk: "Din is-siġra tħawlet mill-Onor. Ministru tal-Biedja u Sajd u mbierka mir-Rev. Kappillan, Patri John Bonnici OFM Conv. fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġar, il-Ħadd, 15 ta' Mejju 2005."

Komplejt miexi mal-ħadid tal-ġnien sa ma wasalt sewwa sew biswit l-iskola. Sadanittant, ma kont rajt lil ħadd iżjed. F'dak il-kwiet, stajt nisma' l-istudenti jirrepetu l-lezzjonijiet wara l-għalliema tagħhom.  Wasalt ħdejn il-kjosk li hemm f'nofs il-Ġnien tal-Kurunell. Il-kjosk kien għadu magħluq. Barra, kien hemm biss l-imwejjed tqal tal-metall u ftit siġġijiet stivati fuq xulxin. Reklam ikkulurit kien qed jagħmel attentat iddisprat biex iħajrek tixtri flixkun birra ta' ditta Ġermaniża. "Barra li taqtagħlek l-għatx," kien qed iwiegħed ir-riklam, "din il-birra tagħtik ukoll l-enerġija kollha li għandek bżonn!"

Bejn il-ħajt tal-ġnien u l-passaġġ għan-nies, il-ħamrija kienet imfawra bil-ward, twal u dritti donnhom iridu jittawlu minn bejn il-vireg tal-ħadid biex jaraw id-dinja ta' lil hinn mill-Ġnien tal-Kurunell. Mal-ħajt, kien hemm lapida oħra bi kliem mitfi fuqha, bilkemm jinqara. Quddiemha, raġel xiħ, għajnejh idemmgħu, donnu kien qed jitlob. Fuq il-lapida, ilħaqt qrajt biss l-isem ta' Stephen Axiaq. Ersaqt bil-mod il-mod maġenb dak ir-raġel u, "Min kien?" staqsejtu minn taħt l-ilsien.

Dam ftit sa ma weġibni. "It-tifel," qalli, "Stephen kien jismu. Kien miet b'disgrazzja!"

"Jiddispjaċini," lissint. F'mumenti bħal dawn, donnok titfixkel x'taqbad tgħid. Aħjar ma staqsejtu xejn. Imbagħad, sellimna lil xulxin u hu mar għal trieqtu u jien mort għal tiegħi.

L-aħħar li rajtu, kien wieqaf taħt il-fanal li hemm fil-kantuniera bħal wieħed mitluf fi ħsibijiet tqal. Ma ridtx nissindikah. Naf biss li, meta, ftit wara, erġajt ħarist, ma rajtux aktar. Kien hemm biss il-kantuniera bil-fanal u t-tifkiriet ta' dak li darba kien.

